# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI Nru 1386/2013/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-20 ta' Novembru 2013**

**dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna"**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Atikolu 192(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1])

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) L-Unjoni stabbilixxiet għaliha stess l-għan li ssir ekonomija intelliġenti, sostenibbli u inklussiva sal-2020 b'sett ta' politiki u azzjonijiet immirati biex issir ekonomija b'livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju u effiċjenti fir-riżorsi ([4]).

(2) Programmi ta' azzjoni ambjentali suċċessivi pprovdew il-qafas għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent sa mill-1973.

(3) Is-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Komunità ([5]) (is-sitt EAP) intemm f'Lulju tal-2012, iżda bosta miżuri u azzjonijiet imnedija fil-qafas tal-programm għadhom qed jiġu implimentati.

(4) Il-valutazzjoni finali tas-Sitt EAP ikkonkludiet li l-programm wassal benefiċċji għall-ambjent u pprovda direzzjoni strateġika globali għall-politika ambjentali. Minkejja dawn il-kisbiet, xejriet insostenibbli għadhom jippersistu fl-erba' oqsma prijoritarji identifikati fis-Sitt EAP: it-tibdil fil-klima, in-natura u il-bijodiversità, l-ambjent u s-saħħa u l-kwalita' tal-ħajja, u riżorsi naturali u skart.

(5) Il-valutazzjoni finali tas-Sitt EAP enfasizzat xi nuqqasijiet. Għaldaqstant, biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fis-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali ("is-Seba' EAP") huma meħtieġa l-impenn sħiħ tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet relevanti tal-Unjoni u r-rieda li tittieħed responsabbiltà għat-twettiq tal-benefiċċji maħsuba tal-programm.

(6) Skont ir-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent bit-titolu "L-Ambjent Ewropew — il-qagħda u l-prospetti 2010" ("SOER 2010") baqa' numru ta' sfidi ambjentali maġġuri, u se jkun hemm riperkussjonijiet serji jekk ma jsir xejn biex jiġu indirizzati.

(7) Xejriet sistemiċi globali u l-isfidi relatati mad-dinamika tal-popolazzjoni, mal-urbanizzazzjoni, il-mard u l-pandemiji, il-bidla teknoloġika dejjem aktar mgħaġġla u t-tkabbir ekonomiku insostenibbli jżidu mal-kumplessità tal-indirizzar tal-isfidi ambjentali u l-kisba ta' żvilupp sostenibbli fit-tul. L-iżgurar tal-prosperità fit-tul tal-Unjoni jesiġi li tittieħed aktar azzjoni sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi.

([1]) ĠU C 161, 6.6.2013, p. 77.
([2]) ĠU C 218, 30.7.2013 p. 53.
([3]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2013 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2013.
([4]) COM(2010) 2020 u konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010 (EUCO 13/10).
([5]) Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi s-Sitt Programm ta' Azzjoni tal-Komunità Ambjentali (ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1).

(8) Huwa essenzjali li l-għanijiet prijoritarji tal-Unjoni għall-2020 jiġu stabbiliti, skont il-viżjoni ċara fit-tul għall-2050. Dan jipprovdi wkoll ambjent stabbli għal investiment u tkabbir sostenibbli. Is-Seba' EAP għandu jissejjes fuq inizjattivi ta' politika fl-istrateġija Ewropa 2020 ([1]), inkluż il-pakkett dwar il-klima u l-enerġija tal-Unjoni ([2]), il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Pjan Direzzjonali lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju fl-2050 ([3]), l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020 ([4]), il-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi ([5]), l-Inizjattiva Ewlenija tal-Unjoni għall-Innovazzjoni ([6]) u l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għal Żvilupp Sostenibbli.

(9) Is-Seba' EAP għandu jgħin biex jintlaħqu l-miri ambjentali u dawk relattivi għat-tibdil fil-klima li dwarhom l-Unjoni diġà qablet kif ukoll biex jiġu identifikati l-lakuni fil-politika fejn jistgħu jkunu meħtieġa objettivi addizzjonali.

(10) L-Unjon qablet li jinkiseb tnaqqis ta' mill-inqas 20 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra (greenhouse gas - GHG) tagħha sal-2020 (30 %, bil-kundizzjoni li pajjiżi żviluppati oħrajn jimpenjaw ruħhom favur tnaqqis komparabbli tal-emissjonijiet u li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw jikkontribwixxu b'mod xieraq skont ir-responsabbiltajiet tagħhom u l-kapaċitajiet rispettivi); jiġi żgurat li 20 % tal-konsum tal-enerġija jiġi minn enerġija rinnovabbli sal-2020; u jinkiseb tnaqqis ta' 20 % fl-użu tal-enerġija primarja meta mqabbel mal-livelli pproġettati, permezz tat-titjib fl-effiċjenza enerġetika ([7]);

(11) L-Unjoni qablet li jitrażżnu t-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tas-servizzi tal-ekosistema fl-Unjoni sal-2020, u, sa fejn huwa possibbli, jiġu restawrati filwaqt li jiżdied il-kontribut tal-Unjoni sabiex jiġi evitat it-telf tal-bijodiversità globali ([8]).

(12) L-Unjoni tappoġġja l-għanijiet li jitwaqqaf it-telf globali tal-kopertura tal-foresti mhux aktar tard mill-2030 u li d-deforestazzjoni tropikali grossa titnaqqas b'mill-inqas 50 % sal-2020 meta mqabbel mal-livelli tal-2008 ([9]);

(13) L-Unjoni qablet li jinkiseb status tajjeb għall-ilmijiet kollha tal-Unjoni, inkluż l-ilma ħelu (xmajjar u lagi, ilma ta' taħt l-art), l-ilmijiet tranżizzjonali (estwarji/delti) u l-ilmijiet kostali f'distanza ta' mil nawtiku mill-kosta sal-2015 ([10]).

(14) L-Unjoni qablet li jinkiseb status ambjentali tajjeb fl-ilmijiet kollha tal-baħar tal-Unjoni sal-2020 ([11]).

(15) L-Unjoni qablet li jinkisbu livelli ta' kwalità tal-arja li ma jagħtux lok għal impatti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, u għal riskji għalihom ([12]);

(16) L-Unjoni qablet li, sal-2020, tilħaq il-mira li s-sustanzi kimiċi jiġu prodotti u jintużaw f'modi li jwasslu għall-minimizzazzjoni tal-effetti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent ([13]).

(17) L-Unjoni qablet li jiġu protetti l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem permezz tal-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-impatti negattivi tal-ġenerazzjoni u l-ġestjoni tal-iskart, u billi jitnaqqas l-impatt kumplessiv mill-użu tar-riżorsi

([1]) COM(2010) 2020.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn vetturi ħfief (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1), id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16), id-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tal-iskema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 63), id-Direttiva 2009/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 98/70/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-petrol, tad-diżil u taż-żejt tal-gass u li tintroduċi mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-karburant użat mill-bastimenti tal-passaġġi tal-ilma interni u li tħassar id-Direttiva 93/12/KEE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 88), id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114), id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136).

([3]) COM(2011) 112. Il-Kunsill kien ħa nota tal-Pjan Direzzjonali fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Mejju 2011 u l-pjan kien ġie approvat mill-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2012 (P7-TA(2012) 86).

([4]) COM(2011) 244.

([5]) COM(2011) 571.

([6]) COM(2010) 546.

([7]) Il-Kunsill Ewropew tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007.

([8]) Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-25 u tas-26 ta' Marzu 2010 (EUCO 7/10); Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ambjent tal-15 ta' Marzu 2010 (7536/10); COM(2011) 244.

([9]) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ambjent tal-4 ta' Diċembru 2008 (16852/08).

([10]) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

([11]) Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

([12]) Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE; Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1).

([13]) Id-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE; Il-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Johannesburg (WSSD 2002).

filwaqt li tiġi mtejba l-effiċjenza ta' tali użu, bis-saħħa tal-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart li ġejja: prevenzjoni, tħejjija għall-użu mill-ġdid, riċiklar, irkupru ieħor u rimi ([1]).

(18) L-Unjoni qablet li tistimola t-tranżizzjoni lejn ekonomija ħadra u tirsisti favur diżakkoppjar sħiħ tat-tkabbir ekonomiku u d-degradazzjoni ambjentali ([2]).

(19) L-Unjoni qablet li tirsisti biex tinkiseb dinja li fiha d-degradazzjoni tal-art ma tibqax problema fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli ([3]).

(20) Skont l-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha l-objettiv li jkun hemm livell għoli ta' protezzjoni meta titqies id-diversità tas-sitwazzjonijiet fid-diversi reġjuni tal-Unjoni u hija bbażata fuq il-prinċipju prekawzjonali u fuq il-prinċipji li għandha tittieħed azzjoni preventiva, li l-ħsara ambjentali għandha bħala prijorità tiġi rrettifikata fis-sors u li min iniġġes irid iħallas.

(21) Għandha tittieħed azzjoni biex jitwettqu l-għanijiet prijoritarji tas-Seba' EAP fil-livelli differenti ta' governanza, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

(22) L-involviment trasparenti ta' atturi mhux governattivi huwa importanti biex jiżgura s-suċċess tas-Seba' EAP u l-ksib tal-għanijiet prijoritarji tiegħu.

(23) It-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tal-ekosistemi fl-Unjoni għandhom implikazzjonijiet importanti mhux biss għall-ambjent u l-benesseri tal-bnedmin, għandhom impatti wkoll fuq ġenerazzjonijiet futuri, kif ukoll huma ta' spiża għas-soċjetà kollha, b'mod partikolari għall-atturi ekonomiċi f'setturi li jiddipendu direttament fuq is-servizzi tal-ekosistema.

(24) Hemm lok sinifikanti sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-GHG u tittejjeb l-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi fl-Unjoni. Dan se jtaffi l-pressjoni fuq l-ambjent u jwassal għal iktar kompetittività u għal sorsi ġodda ta' tkabbir u ta' impjiegi permezz tal-iffrankar tal-ispejjeż minħabba effiċjenza mtejba, il-kummerċjalizzazzjoni tal-innovazzjonijiet u l-ġestjoni aħjar tar-riżorsi tul iċ-ċiklu kollu ta' ħajjithom. Sabiex jiġi realizzat dan il-potenzjal, politika tal-Unjoni aktar komprensiva dwar il-bidla fil-klima għandha tirrikonoxxi li s-setturi kollha tal-ekonomija jridu jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra tibdil fil-klima.

(25) Il-problemi u l-impatti ambjentali jkomplu joħolqu riskji sinifikanti għas-saħħa u l-benesseri tal-bniedem, filwaqt li miżuri li jtejbu l-istat tal-ambjent jistgħu jkunu ta' benefiċċju.

(26) L-implimentazzjoni sħiħa u uniformi tal-*acquis* ambjentali mal-Unjoni kollha hija investiment sod għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem, kif ukoll għall-ekonomija.

(27) Il-politika ambjentali tal-Unjoni għandha tkompli tissejjes fuq bażi soda ta' konoxxenza u għandha tiżgura li l-evidenza li fuqha jissejjes it-tfassil tal-politika, inklużi każijiet meta l-prinċipju prekawzjonarju jkun ġie invokat, jista' jiġi mifhum aħjar fil-livelli kollha.

(28) L-għanijiet ambjentali u klimatiċi għandhom ikunu appoġġati minn investimenti xierqa, u l-fondi għandhom jintefqu b'mod aktar effettiv f'konformità ma' dawk l-objettivi. Għandu jitħeġġeġ l-użu ta' inizjattivi pubbliċi-privati.

(29) L-integrazzjoni ambjentali fl-oqsma politiċi rilevanti kollha hija essenzjali biex tnaqqas il-pressjonijiet fuq l-ambjent li jirriżultaw minn politiki u attivitajiet ta' setturi oħra u biex jintlaħqu l-miri relatati mal-ambjent u l-klima.

(30) L-Unjoni għandha popolazzjoni b'densità għolja, u aktar minn 70 % taċ-ċittadini tagħha jgħixu f'żoni urbani u periurbani u jaffrontaw sfidi ambjentali speċifiċi u relatati mal-klima.

(31) Ħafna mill-isfidi ambjentali huma fil-livell globali u jistgħu jiġu indirizzati bis-sħiħ biss permezz ta' approċċ globali komprensiv, filwaqt li sfidi ambjentali oħrajn għandhom dimensjoni reġjonali qawwija. Dan jeħtieġ kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab, inkluż ma' pajjiżi ġirien u pajjiżi u territorji *extra*-Ewropej.

---

([1]) Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart (ĠU L 312. 22.11.2008, p. 3).
([2]) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ambjent tal-11 ta' Ġunju 2012 (11186/12); COM(2011) 571.
([3]) Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/Res/66/288 tas-27 ta' Lulju 2012 dwar ir-riżultat tal-Konferenza Rio+20, intitolata "Il-Futur Li Rridu".

(32) Is-Seba' EAP għandu jappoġġa l-implimentazzjoni, fl-Unjoni u fil-livell internazzjonali, tal-eżiti u l-impenji meħuda, fil-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2012 (Rio+20)„ bil-għan li jittrasformaw l-ekonomija globali f'ekonomija inklussiva u ekoloġika. fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli u t-tnaqqis tal-faqar.

(33) Permezz ta' taħlita xierqa ta' strumenti ta' politika, in-negozji u l-konsumaturi jkunu jistgħu jtejbu l-fehim tagħhom tal-impatt tal-attivitajiet tagħhom fuq l-ambjent u jimmaniġġjaw dak l-impatt. Dawn l-istrumenti ta' politika jinkludu inċentivi ekonomiċi, strumenti bbażati fuq is-suq, rekwiżiti ta' informazzjoni kif ukoll għodod u miżuri volontarji li jikkomplementaw l-oqfsa leġiżlattivi u jinvolvu l-partijiet interessati f'livelli differenti.

(34) Il-miżuri, l-azzjonijiet u l-miri kollha stabbiliti fis-Seba' EAP għandhom jinżammu skont il-prinċipji tar-regolamentazzjoni intelliġenti ([1]) u, fejn xieraq, ikunu soġġetti għal stima komprensiva tal-impatt.

(35) Il-progress lejn il-kisba tal-għanijiet tas-Seba' EAP għandu jiġi mmonitorjat, ivvalutat u evalwat abbażi ta' indikaturi miftiehma.

(36) Skont l-Artikolu 192(3) tat-TFUE, l-għanijiet prijoritarji fir-rigward tal-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandhom jiġu stabbiliti fi programm ta' azzjoni ġenerali.

(37) Għall-għanijiet prijoritarji stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, għadd ta' miżuri u azzjonijiet huma identifikati fis-Seba' EAP stabbilit fl-Anness, bil-għan li jinkisbu dawk l-għanijiet.

(38) Ladarba l-għan ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri l-istabbiliment ta' Programm Ġenerali ta' Azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-Ambjent li jiffissa għanijiet prioritarji, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', saħansitra, minħabba l-iskala u l-effetti ta' dak il-programm ta' azzjoni jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, konformement mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Konformement mall-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan,

([1]) COM(2010) 543.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

B'dan huwa adottat programm ġenerali ta' azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2020 ("is-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali" jew "is-Seba' EAP"), kif deskritt fl-Anness.

*Artikolu 2*

1. Is-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali għandu l-għanijiet prijoritarji li ġejjin:

(a) li jipproteġi, jikkonserva u jsaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni;

(b) li l-Unjoni ssir ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, ekoloġika u kompetittiva, b'livelli baxxi ta' karbonju;

(c) li jitħarsu ċ-ċittadini tal-Unjoni minn pressjonijiet relatati mal-ambjent u r-riskji għas-saħħa u l-benesseri;

(d) li jiġu massimizzati l-benefiċċji tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni billi titjieb l-implimentazzjoni;

(e) li tittejjeb il-bażi ta' konoxxenza u evidenza għall-politika ambjentali tal-Unjoni;

(f) li jiġi assigurat l-investiment għall-politika ambjentali u dik dwar l-klima u jiġu indirizzati l-esternalitajiet ambjentali;

(g) li titjieb l-integrazzjoni ambjentali u l-koerenza tal-politika;

(h) li tissaħħaħ is-sostenibbiltà tal-ibliet tal-Unjoni;

(i) li tiżdied l-effettività tal-Unjoni fl-indirizzar tal-isfidi internazzjonali relatati mal-ambjent u l-klima.

2. Is-Seba' EAP għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipju prekawzjonali, il-prinċipji tal-azzjoni preventiva u ta' rettifika tat-tniġġis mis-sors u l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas.

3. Is-Seba' EAP għandu jikkontribwixxi għal-livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u għal titjib fil-kwalità ta' ħajja u benesseri għaċ-ċittadini.

4. Il-miżuri, l-azzjonijiet u l-miri kollha stabbiliti fis-Seba' EAP ġenerali ġdid ta' azzjoni ambjentali għandhom jiġu proposti u implimentati skont il-prinċipji tar-regolamentazzjoni intelliġenti u, fejn xieraq, soġġetti għal stima komprensiva tal-impatt.

*Artikolu 3*

1. L-istituzzjonijiet relevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri huma responsabbli sabiex jieħdu l-azzjoni xierqa bil-għan li jitwettqu l-għanijiet prijoritarji stabbiliti fis-Seba' EAP. L-azzjoni għandha tittieħed b'kunsiderazzjoni xierqa tal-prinċipji tal-konferiment, tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, skont l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

2. L-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli kollha għandhom jaħdmu man-negozji u l-imsieħba soċjali, mas-soċjetà ċivili u maċ-ċittadini individwali fl-implimentazzjoni tas-Seba' EAP.

*Artikolu 4*

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-implimentazzjoni tal-elementi relevanti tas-Seba' EAP tiġi mmonitorjata fil-kuntest tal-proċess ta' monitoraġġ regolari tal-Istrateġija Ewropa 2020. Dan il-proċess għandu jkun infurmat permezz tal-indikaturi tal-Aġenzija Ambjentali Ewropea dwar l-istat tal-ambjent kif ukoll indikaturi użati biex jimmonitorjaw il-progress fit-twettiq ta' leġiżlazzjoni u objettivi eżistenti relatati mal-ambjent u mal-klima bħalma huma l-miri tal-klima u l-enerġija, il-miri tal-bijodiversità u t-tragwardi dwar l-effiċjenza tar-riżorsi.

2. Il-Kummissjoni għandha twettaq ukoll evalwazzjoni tas-Seba' EAP. Dik l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata, fost l-oħrajn, fuq ir-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent dwar l-istat tal-ambjent u fuq konsultazzjoni mal-partijiet interessati. Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport ibbażat fuq din l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien debitu qabel it-tmiem tas-Seba' EAP.

3. Fid-dawl ta' dik l-evalwazzjoni u żviluppi ta' politika rilevanti oħrajn, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun il-każ, tippreżenta proposta għat-Tmien EAP fi żmien opportun, bil-għan li jiġi evitat distakk bejn is-Seba' EAP u t-Tmien EAP.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Strasburgu, l-20 ta' Novembru 2013.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | V. LEŠKEVIČIUS |

*ANNESS*

IS-SEBA' PROGRAMM TA' AZZJONI AMBJENTALI SAL-2020 — "NGĦIXU TAJJEB, FIL-LIMITI TAL-PJANETA TAGĦNA"

1. Il-viżjoni 2050 li ġejja hija maħsuba biex tgħin fil-gwida tal-azzjoni sal-2020 u wara:

Fl-2050, ngħixu tajjeb, u fil-limiti ekoloġiċi tal-pjaneta. Il-prosperità tagħna u ambjent b'saħħtu jirriżultaw minn ekonomija innovattiva, ċirkolari fejn ma jinħela xejn u fejn ir-riżorsi naturali huma mmaniġġjati b'mod sostenibbli, u l-bijodiversità hija mħarsa, apprezzata u rrestawrata f'modi li jsaħħu r-reżiljenza tas-soċjetà tagħna. It-tkabbir tagħna b'livelli baxxi ta' karbonju ilu li ġie diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi, u b'hekk twittiet it-triq għal soċjetà globali sikura u sostenibbli.

PROGRAMM GĦALL-AZZJONI SAL-2020

2. Matul l-aħħar 40 sena, ġiet stabbilita firxa wiesgħa ta' leġiżlazzjoni ambjentali, li tammonta għall-iktar standards moderni u komprensivi fid-dinja. Din għenet fl-indirizzar ta' wħud mill-aktar kwistjonijiet ambjentali ta' tħassib għaċ-ċittadini u n-negozji fl-Unjoni.

3. L-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija tnaqqsu b'mod konsiderevoli f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin, kif naqsu wkoll il-GHG f'dawn l-aħħar snin. Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi ġiet modernizzata, u ġie ristrett l-użu ta' ħafna sustanzi tossiċi jew perikolużi bħal ċomb, kadmju u merkurju fi prodotti li jinsabu fil-biċċa kbira tad-djar. Iċ-ċittadini tal-Unjoni jibbenefikaw minn livell ta' kwalità ta' ilma li huwa fost l-aqwa fid-dinja, u aktar minn 18 % tat-territorju tal-Unjoni u 4 % tal-ibħra tagħha ngħataw id-deżinjazzjoni ta' żoni ta' protezzjoni tan-natura.

4. Il-politika ambjentali tal-Unjoni stimolat l-innovazzjoni u l-investiment fi prodotti u servizzi ambjentali, u b'hekk inħolqu l-opportunitajiet ta' impjiegi u ta' esportazzjoni ([1]). It-tkabbir suċċessiv wassal standards għoljin ta' protezzjoni ambjentali lil parti kbira tal-kontinent Ewropew, u l-isforzi tal-Unjoni kkontribwixxew lejn impenn internazzjonali akbar għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità, u għal sforzi globali ta' suċċess sabiex jiġi eliminati sustanzi li jnaqqsu l-ożonu u l-fjuwils biċ-ċomb.

5. Sar ukoll progress konsiderevoli fl-integrazzjoni tal-għanijiet ambjentali f'politiki u attivitajiet oħra tal-Unjoni. Sa mill-2003, il-Politika Agrikola Komuni (PAK) riformata rabtet il-ħlasijiet diretti ma' rekwiżiti li bdiewa iżommu l-art f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba u jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti. Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima saret parti integrali tal-politika tal-enerġija u qed isir progress fl-integrazzjoni ta' tħassib dwar l-effiċjenza fir-riżorsi, it-tibdil fil-klima u l-effiċjenza enerġetika f'setturi ewlenin oħra, bħat-trasport u l-bini.

6. Madankollu, ħafna xejriet ambjentali fl-Unjoni jkomplu jkunu kawża ta' tħassib, mhux l-inqas minħabba l-implimentazzjoni insuffiċjenti tal-leġiżlazzjoni ambjentali eżistenti tal-Unjoni. 17 % biss tal-ispeċijiet u l-ħabitats vvalutati taħt id-Direttiva dwar il-Ħabitats ([2]) għandhom status tajjeb ta' konservazzjoni, u d-degradazzjoni u telf tal-kapital naturali qed jipperikolaw l-isforzi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni għall-bijodiversità u għat-tibdil fil-klima. Tali status ta' speċijiet u ta' ħabitats kif ukoll id-degradazzjoni u t-telf ta' kapital naturali għandhom spejjeż assoċjati għoljin li għadhom ma ġewx ivvalutati kif suppost fis-sistema ekonomika jew soċjali tagħna. Hemm 30 % tat-territorju tal-Unjoni li huwa fframmentat ħafna, u dan jaffettwa l-konnettività u s-saħħa tal-ekosistemi u l-abbiltà tagħhom li jipprovdu servizzi kif ukoll ħabitats vijabbli għall-ispeċijiet. Għalkemm diġà sar progress fl-Unjoni biex it-tkabbir jiġi diżakkoppjat mill-emissjonijiet tal-GHG, mill-użu tar-riżorsi u mill-impatti ambjentali, l-użu tar-riżorsi għadu fil-biċċa l-kbira insostenibbli u ineffiċjenti, u għad hemm ħafna xi jsir fir-rigward tal-ġestjoni tal-iskart. Bħala riżultat, in-negozji fl-Unjoni mhux qed jibbenefikaw mill-opportunitajiet sinifikanti li toffri l-effiċjenza fir-riżorsi mil-lat tal-kompetittività, tat-tnaqqis fl-ispejjeż, tal-produttività mtejba, u tas-sigurtà tal-provvista. Il-kwalità tal-ilma u l-livelli tat-tniġġis tal-arja għadhom problematiċi f'ħafna partijiet tal-Ewropa, u ċ-ċittadini tal-Unjoni għadhom esposti għal sustanzi perikolużi, li potenzjalment jipperikolaw saħħithom u l-benesseri tagħhom. L-użu insostenibbli tal-art qiegħed inaqqas il-ħamrija fertili, u d-degradazzjoni tal-ħamrija qiegħda tissokta, u dan jirriżulta f'impatti fuq is-sigurtà tal-ikel globali u fuq il-kisba tal-miri tal-bijodiversità.

7. Bidla ambjentali u klimatika fl-Unjoni qed tirriżulta dejjem aktar mill-iżviluppi li jseħħu fil-livell globali, inklużi dawk fir-rigward tad-demografija, tax-xejriet tal-produzzjoni u tal-kummerċ, u progress teknoloġiku rapidu. Tali

([1]) *The economic benefits of environmental policy* (IES, Vrije Universiteit Amsterdam, 2009); COM(2012) 173); "L-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni tal-UE għal Tkabbir Ekoloġiku", (BIO Intelligence Service 2011).

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

żviluppi jistgħu joffru opportunitajiet sinifikanti għat-tkabbir ekonomiku u l-benesseri tas-soċjetà, iżda joħolqu sfidi u inċertezzi għall-ekonomija u s-soċjetà tal-Unjoni u qed jikkawżaw degradazzjoni ambjentali madwar id-dinja [1].

8. Flimkien mas-sistemi ħalja attwali ta' produzzjoni u ta' konsum fl-ekonomija dinjija, id-domanda globali dejjem tikber għal oġġetti u servizzi u t-tnaqqis tar-riżorsi qed iżidu l-prezz tal-materja prima, tal-minerali u tal-enerġija essenzjali, u b'hekk jiġi ġġenerat aktar tniġġis u skart, jiżdiedu l-emissjonijiet globali ta' GHG u tiżdied id-degradazzjoni tal-art, id-deforestazzjoni u t-telf tal-bijodiversità. Kważi żewġ terzi tal-ekosistemi tad-dinja qed jiddeterjoraw [2] u hemm evidenza li l-limiti planetarji għall-bijodiversità, it-tibdil fil-klima u ċ-ċiklu tan-nitroġenu diġà ġew issuperati [3]. X'aktarx se jkun hemm defiċjenza globali ta' 40 % fl-ilma sal-2030 sakemm ma jkunx hemm progress sinifikanti fit-titjib tal-effiċjenza fir-riżorsi. Hemm ukoll ir-riskju li t-tibdil fil-klima se jkompli jkabbar tali problemi, u se jirriżulta fi spejjeż għolja [4]. Fl-2011, id-diżastri dovuti parzjalment għat-tibdil fil-klima rriżultaw f'telf ekonomiku globali ta' aktar minn EUR 300 biljun. L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) wissiet li bid-degradazzjoni u t-telf kontinwi tal-kapital naturali hemm ir-riskju li dawn iwasslu għal bidliet irriversibbli li jistgħu jipperikolaw żewġ sekli ta' titjib fl-istandards ta' għajxien u jinvolvu spejjeż sinifikanti [5].

9. L-indirizzar ta' wħud minn dawn il-kwistjonijiet kumplessi jesiġi li nisfruttaw il-potenzjal sħiħ tat-teknoloġija ambjentali eżistenti u jiġu żgurati l-iżvilupp u l-adozzjoni kontinwi, min-naħa tal-industrija, tal-aqwa tekniki disponibbli u tal-innovazzjonijiet emerġenti, kif ukoll użu akbar ta' strumenti bbażati fuq is-suq. Avvanzi rapidi f'oqsma tax-xjenza u t-teknoloġija li jippromettu huma wkoll meħtieġa. Dan għandu jkun possibbli permezz ta' spinta fir-riċerka u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet li jwasslu għal investimenti relatati mar-riċerka privata. Fl-istess ħin, hemm bżonn ta' fehim aħjar tar-riskji potenzjali għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem assoċjati mat-teknoloġiji ġodda, u ta' valutazzjoni u maniġġjar aħjar ta' tali teknoloġiji. Din hija prekundizzjoni għall-aċċettazzjoni pubblika ta' teknoloġiji ġodda, kif ukoll għall-ħila tal-Unjoni li tiddentifika u tirreaġixxi għal riski potenzjali assoċjati ma' żviluppi teknoloġiċi b'mod effettiv u f'waqthom. L-innovazzjonijiet teknoloġiċi kbar għandhom ikunu akkumpanjati bi djalogi pubbliċi u proċessi parteċipatorji.

10. Biex ngħixu tajjeb fil-futur, għandha tittieħed azzjoni urġenti, ikkoordinata issa biex intejbu r-reżistenza ekoloġika u nimmassimizzaw il-benefiċċji li l-politika ambjentali tista' tipprovdi għall-ekonomija u s-soċjetà, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti ekoloġiċi tal-pjaneta. Is-Seba' EAP jirrifletti l-impenn tal-Unjoni li tittrasforma ruħha f'ekonomija ekoloġika inklussiva li tiżgura t-tkabbir u l-iżvilupp, tħares is-saħħa u l-benesseri tal-bniedem, tipprovdi impjiegi diċenti, tnaqqas l-inugwaljanzi u tinvesti fil-bijodiversità, kif ukoll tippreservaha, anke fis-servizzi relatati mal-ekosistema li hija tipprovdi (kapital naturali), għall-valur intrinsiku tagħha u għall-kontribut essenzjali tagħha għall-benesseri tal-bniedem u għall-prosperità ekonomika.

11. It-trasformazzjoni f'ekonomija ħadra inklussiva teħtieġ l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ambjentali f'politiki oħra, bħall-enerġija, it-trasport, l-agrikoltura, is-sajd, il-kummerċ, l-ekonomija u l-industrija, ir-riċerka u l-innovazzjoni, ix-xogħol, l-iżvilupp, l-affarijiet barranin, is-sigurtà, l-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll il-politika soċjali u tat-turiżmu, sabiex toħloq approċċ koerenti u kkoordinat. L-azzjoni fi ħdan l-Unjoni għandha tiġi kkomplementata wkoll minn azzjoni globali u kooperazzjoni msaħħa mal-pajjiżi ġirien sabiex jiġu indirizzati sfidi komuni.

12. L-Unjoni tat bidu għal din it-trasformazzjoni bi strateġiji integrati, fit-tul biex twaqqaf it-telf tal-bijodiversità [6], ittejjeb l-effiċjenza fir-riżorsi [7] u tħaffef it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livelli baxxi ta' karbonju li tkun sikura u sostenibbli [8]. Barra minn hekk il-Kummissjoni integrat it-tħassib u l-għanijiet ambjentali f'inizjattivi reċenti meħuda f'oqsma ta' politika ewlenin oħra, inklużi l-enerġija [9] u t-trasport [10], u ppruvat iżid il-benefiċċji ambjentali permezz ta' riformi tal-politiki tal-Unjoni għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, is-sajd u l-koeżjoni, billi bniet fuq is-suċċessi li kien hemm sa llum. F'dan ir-rigward, il-kundizzjonalità għandha importanza partikolari fil-kontribut għas-sostenibbiltà tal-agrikoltura, billi tippromwovi l-protezzjoni ta' ekosistemi vulnerabbli, bħall-korpi tal-ilma, il-ħamrija u l-ħabitats għall-ispeċijiet.

---

(1) SEC(2011)1067; L-Ambjent Ewropew — l-istat u l-prospetti 2010: Valutazzjoni tal-Megatendenzi Globali ("SOER, 2010").

(2) Ir-rapport tal-Panel ta' Livell Għoli dwar is-Sostenibbiltà Globali tan-Nazzjonijiet Uniti "*Resilient People, Resilient Planet: A future worth choosing*", 2012.

(3) Limiti assoċjati ma' disa' "limiti tal-pjaneta" ġew identifikati bħala li, ladarba jkunu ssuperati, jistgħu jwasslu għal bidliet irriversibbli b'konsegwenzi potenzjalment diżastrużi għall-bnedmin, inklużi: it-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, l-użu globali tal-ilma ħelu, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, iċ-ċikli tan-nitroġenu u l-fosforu u l-bidla fl-użu tal-art (*Ecology and Society*, Vol. 14, No 2, 2009).

(4) Skont ir-Reviżjoni Stern dwar l-Ekonomija tat-Tibdil fil-Klima, jekk ma tittieħidx azzjoni, il-kostijiet globali tat-tibdil fil-klima se jkunu ekwivalenti għat-telf ta' 5 % tal-prodott domestiku gross globali (PDG) kull sena. Jekk wieħed jinkludi firxa usa' ta' riskji u impatti, din iċ-ċifra tista' tiżdied għal 20 % tal-PDG.

(5) Il-Previżjonijiet Ambjentali tal-OECD sal-2050: Il-Konsegwenzi tan-Nuqqas ta' Azzjoni, rapport, 2012).

(6) COM(2011) 244.

(7) COM(2011) 571.

(8) COM(2011) 112.

(9) COM(2011) 885.

(10) COM(2011) 144.

13. L-Unjoni hija firmatarja għal numru kbir ta' impenji legalment vinkolanti skont il-ftehimiet ambjentali multilaterali kif ukoll għal impenji ambjentali politikament vinkolanti, inklużi dawk miftiehma fil-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli ('Rio+20') ([1]). Id-dokument finali Rio+20 jirrikonoxxi l-ekonomija ekoloġika u inklużiva bħala għodda importanti għall-kisba ta' żvilupp sostenibbli u l-qerda tal-faqar. Id-dokument jistabbilixxi qafas għal azzjoni li jkopri t-tliet dimensjonijiet kollha ta' żvilupp sostenibbli (ambjentali, soċjali u ekonomiku), li ħafna minnhom huma riflessi fl-għanijiet prijoritarji tas-Seba' EAP. F'Rio+20 sar ftehim ukoll li jiġu żviluppati għanijiet ta' żvilupp sostenibbli li jkunu koerenti u integrati fl-aġenda tal-iżvilupp tan-NU għal wara l-2015, bil-għan li jissaħħaħ il-qafas istituzzjonali u tiġi żviluppata strateġija ta' finanzjament għall-iżvilupp sostenibbli. F'Rio+20 ġie adottat ukoll Qafas għal 10 Snin ta' Programmi dwar il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha issa għandhom jiżguraw li dawk l-impenji jiġu implimentati fl-Unjoni u għandhom jippromwovu l-implimentazzjoni tagħhom fuq livell globali.

14. Is-Seba' EAP jikkomplementa dawk l-isforzi billi jiddefinixxi għanijiet prijoritarji biex l-Unjoni tiksibhom tul il-perjodu sal-2020. Is-Seba' EAP għandu jappoġġja l-implimentazzjoni u jheġġeġ l-azzjoni fil-livelli kollha u jippromwovi investiment ambjentali u relatat mal-klima, ukoll lil hinn mill-2020.

15. F'ħafna każijiet, il-ħtieġa ta' azzjoni sabiex jinkisbu l-għanijiet prijoritarji se tkun primarjament fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. F'każijiet oħrajn, se jkunu meħtieġa miżuri addizzjonali fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali. Il-pubbliku għandu wkoll ikollu rwol attiv u jkun informat kif xieraq dwar il-politika ambjentali. Billi l-politika ambjentali hija qasam ta' kompetenza kondiviża fl-Unjoni, wieħed mill-għanijiet tas-Seba' EAP huwa li joħloq sjieda komuni ta' miri u għanijiet kondiviżi u l-iżgurar ta' kundizzjonijiet indaqs għan-negozji u għall-awtoritajiet pubbliċi. Permezz ta' miri u għanijiet ċari, dawk li jfasslu l-politika u partijiet interessati oħrajn, inklużi r-reġjuni u l-ibliet, in-negozji u l-imsieħba soċjali, u ċittadini individwali, jingħataw sens ta' direzzjoni u qafas prevedibbli għal azzjoni.

16. L-iżvilupp integrat u koerenti tal-politika ambjentali u tal-klima jistgħu jgħinu jiżguraw li l-ekonomija u s-soċjetà tal-Unjoni jkunu mħejjija sew biex jiffaċċjaw l-isfidi msemmija hawn fuq. Tali azzjoni teħtieġ li niffukaw fuq tliet objettivi tematiċi:

(a) li jitħares, jiġi kkonservat u msaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni;

(b) li l-Unjoni ssir ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, ekoloġika u kompetittiva, b'livelli baxxi ta' karbonju;

(c) li ċ-ċittadini tal-Unjoni jitħarsu minn pressjonijiet relatati mal-ambjent u r-riskji għas-saħħa u l-benesseri.

Dawk it-tliet objettivi tematiċi huma interkonnessi u għandhom jiġu segwiti b'mod parallel. L-azzjoni meħuda taħt objettiv wieħed sikwiet se tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu objettivi oħrajn. Per eżempju, it-titjib fl-effiċjenza tar-riżorsi se tnaqqas il-pressjoni fuq il-kapital naturali, filwaqt li t-titjib tar-reżiljenza tal-bażi tal-kapital naturali tal-Unjoni se jwassal għal benefiċċji għas-saħħa u l-benesseri tal-bniedem. L-azzjoni biex jittaffa t-tibdil fil-klima u biex isir adattament għalih se żżid ir-reżiljenza tal-ekonomija u s-soċjetà tal-Unjoni, filwaqt li tistimula l-innovazzjoni u tħares ir-riżorsi naturali tal-Unjoni.

PRIJORITAJIET TEMATIĊI

**Għan prijoritarju 1: Jiġi protett, ippreservat u msaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni**

17. Il-prosperità ekonomika u l-benesseri tal-Unjoni huma msejsa fuq il-kapital naturali tagħha, jiġifieri l-bijodiversità tagħha, inklużi l-ekosistemi li jipprovdu oġġetti u servizzi essenzjali, minn ħamrija fertili u foresti multifunzjonali sa art u ibħra produttivi, minn ilma ħelu ta' kwalità tajba u arja nadifa sad-dakkir u r-regolazzjoni tal-klima u l-protezzjoni kontra d-diżastri naturali. Ġabra sostanzjali ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandha l-għan li tipproteġi, tippreserva u ssaħħaħ il-kapital naturali, u tinkludi d-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma ([2]), id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima ([3]), id-Direttiva dwar l-Ilma Urban Mormi ([4]), id-Direttiva dwar in-Nitrati ([5]), id-Direttiva dwar l-Għargħar ([6]), id-Direttiva dwar

([1]) Ir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/Res/66/288.
([2]) Id-Direttiva 2000/60/KE.
([3]) Id-Direttiva 2008/56/KE.
([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma-skart urban (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40).
([5]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).
([6]) Id-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġar tar-riskji tal-għargħar (ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27)

is-Sustanzi ta' Prijorità ([1]), id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja u dawk relatati ([2]) u d-Direttivi dwar il-Ħabitats u l-Għasafar ([3]). Il-leġiżlazzjoni li tindirizza t-tibdil fil-klima, is-sustanzi kimiċi, l-emissjonijiet industrijali u l-iskart tikkontribwixxi wkoll biex jittaffu l-pressjonijiet fuq il-ħamrija u l-bijodiversità, inklużi l-ekosistemi, l-ispeċijiet u l-ħabitats kif ukoll biex jitnaqqas ir-rilaxx ta' nutrijenti.

18. Madankollu, valutazzjonijiet reċenti juru li għadha qed tintilef il-bijodiversità fl-Unjoni u li l-biċċa l-kbira tal-ekosistemi huma serjament degradati ([4]) minħabba d-diversi pressjonijiet. Per eżempju, l-ispeċijiet aljeni invażivi joħolqu riskji akbar għas-saħħa tal-pjanti, tal-annimali u tal-bniedem, għall-ambjent u għall-ekonomija milli kien stmat qabel. L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020 tistabbilixxi miri u azzjonijiet meħtieġa biex ireġġgħu lura dawn ix-xejriet negattivi, biex iwaqqfu t-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tas-servizzi tal-ekosistemi sal-2020 u biex dawn jiġu rrestawrati kemm jista' jkun possibbli ([5]). Jeħtieġ li titħaffef l-implimentazzjoni ta' dik l-Istrateġija u li jintlaħqu l-objettivi ffissati fiha biex l-Unjoni tkun tista' tilħaq il-mira ewlenija tagħha għall-bijodiversità għall-2020. Billi l-Istrateġija tinkludi miżuri inkorporati biex itejbu l-implimentazzjoni tad-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats, inkluż in-netwerk Natura 2000, biex tintlaħaq il-mira kumplessiva se tkun meħtieġa l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni eżistenti kollha mmirata lejn il-protezzjoni tal-kapital naturali.

19. Minkejja r-rekwiżit fid-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma li jitħarsu, jisaħħew u jiġu rrestawrati l-korpi kollha tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art, u l-isforzi konsiderevoli li saru sal-lum, l-objettiv ta' 'status ekoloġiku tajjeb' sal-2015 x'aktarx li jintlaħaq biss għal 53 % tal-massa tal-ilma tal-wiċċ fl-Unjoni ([6]). Il-mira tad-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marittima li jinkiseb 'status ambjentali tajjeb' sal-2020 tinsab ukoll taħt pressjonijiet qawwija, minħabba, inter alia, sajd żejjed kontinwu, tniġġis (inkluż l-istorbju taħt l-ilma u skart fil-baħar), kif ukoll l-effetti tat-tisħin globali bħall-aċidifikazzjoni, fl-ibħra tal-Ewropa. B'mod partikolari fil-Mediterran u l-Baħar l-Iswed, fejn il-maġġoranza tal-istati kostali mhumiex Stati Membri tal-Unjoni, il-kollaborazzjoni mill-qrib fl-Unjoni u mal-ġirien tagħha ser tkun essenzjali biex tali sfidi jiġu indirizzati b'mod effettiv. Filwaqt li l-politiki tal-Unjoni dwar l-arja u dwar l-emissjonijiet industrijali għenu biex inaqqsu ħafna forom ta' tniġġis, l-ekosistemi għadhom ibatu minn depożiti eċċessivi ta' nitroġenu u kubrit u minn tniġġis tal-ożonu assoċjati mal-emissjonijiet mit-trasport, mill-ġenerazzjoni tal-enerġija u minn prattiki agrikoli mhux sostenibbli.

20. Il-protezzjoni, konservazzjoni, tisħiħ u apprezzament tal-kapital naturali tal-Unjoni għalhekk jesiġu wkoll indirizzar tal-problemi mis-sors permezz, inter alia, ta' integrazzjoni aħjar tal-għanijiet għall-kapital naturali fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki oħra, u l-iżgurar li l-politiki jkunu koerenti u li jiġu pprovduti benefiċċji reċiproċi. L-elementi relatati mal-ambjent stabbiliti fil-proposti ta' riforma tal-Kummissjoni, b' mod partikolari għall-politika tal-Unjoni dwar l-agrikoltura, is-sajd u l-koeżjoni, appoġġati mill-proposti għal approċċ aktar ekoloġiku għall-baġit tal-Unjoni skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 huma mfassla biex jappoġġaw dawk l- għanijiet. Billi l-agrikoltura u l-forestrija flimkien jirrappreżentaw 78 % tal-kopertura tal-art fl-Unjoni, huma għandhom rwol ewlieni fil-preservazzjoni tar-riżorsi naturali, speċjalment l-ilma u l-ħamrija ta' kwalità tajba kif ukoll il-bijodiversità u l-pajsaġġi kulturali differenti. PAK iktar ekoloġika tippromwovi prattiki agrikoli u forestali ta' benefiċċju għall-ambjent bħad-diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba', il-protezzjoni ta' bwar u mergħat permanenti, u l-agroforestrija sostenibbli u tippromwovi wkoll l-istabbiliment u ż-żamma ta' żoni ta' art għall-biedja u ta' foresti ekoloġikament importanti, inkluż permezz ta' prattiki estensivi u tradizzjonali. Hija sservi wkoll sabiex tiżdied il-kapaċità tas-settur tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija jassorbi l-karbonju. Element essenzjali f'din l-agrikoltura sostenibbli hu l-biedja b'sens ta' responsabbiltà għall-ġenerazzjonijiet futuri, filwaqt li fl-istess ħin hija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u hi produttiva.

21. L-Unjoni għandha l-akbar territorju marittimu fid-dinja u għaldaqstant għandha responsabbiltà sinifikanti li tiżgura l-ħarsien tal-ambjent tal-baħar. Fil-każ tal-ambjent tal-baħar, filwaqt li s-settur marittimu joffri opportunitajiet ekonomiċi, mill-oqsma tas-sajd, tat-tbaħħir u tal-akkwakultura sal-materja prima u l-enerġija lil hinn mill-kosta u l-bijoteknoloġija tal-baħar, għandha tingħata attenzjoni sabiex jiġi żgurat li l-isfruttar tagħhom ikun kompatibbli mal-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-ekosistemi tal-baħar u tal-kosta. Flimkien, l-ippjanar spazjali marittimu u ġestjoni kostali integrat fl-Istati Membri u bejniethom jista' jkollhom rwol effettiv fil-koordinazzjoni tal-użu sostenibbli tal-ibħra u żoni kostali, meta l-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema jiġi applikat għall-ġestjoni ta' attivitajiet settorjali differenti f'dawk l-oqsma. L-ambjent tal-baħar mhuwiex protett kif jixraq parzjalment minħabba l-fatt li t-tlestija tan-netwerk Natura 2000 waqgħet lura, u dan jeħtieġ aktar sforzi mill-Istati Membri. L-inħawi protetti tal-baħar jeħtieġu wkoll li jkunu mmaniġġati b'mod aktar effiċjenti.

([1]) Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84).

([2]) Id-Direttiva 2008/50/KE u d-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali (ĠU L 23, 26.1.2005, p. 3).

([3]) Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7) u d-Direttiva 92/43/KEE.

([4]) Rapport Tekniku 12/2010 tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

([5]) Il-Paragrafu 14 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-26 ta' Marzu 2010 (EUCO 7/10) jgħid: "Hemm ħtieġa urġenti biex jitreġġgħu lura x-xejriet kontinwi ta' telf ta' bijodiversità u degradazzjoni ta' ekosistemi. Il-Kunsill Ewropew huwa impenjat għall-viżjoni fit-tul għall-2050 dwar il-bijodiversità u l-mira għall-2020 stabbilita fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2010.".

([6]) COM(2012) 673.

22. Approċċi bbażati fuq l-ekosistema għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima li jibbenefikaw minnhom ukoll il-bijodiversità u l-forniment ta' servizzi oħra tal-ekosistema għandhom jintużaw b'mod aktar estensiv bħala parti mill-politika tal-Unjoni dwar it-tibdil fil-klima, filwaqt li għanijiet ambjentali oħra bħall-konservazzjoni tal-bijodiversità u l-protezzjoni tal-ħamrija u tal-ilma għandhom jitqiesu bis-sħiħ fid-deċiżjonijiet dwar l-enerġija rinnovabbli. Fl-aħħar nett, il-miżuri biex jindirizzaw it-tniġġis tal-arja u l-emissjonijiet tas-$CO_2$ relatati mat-trasport jeħtieġ li jittieħdu ([1]).

23. Id-degradazzjoni, il-frammentazzjoni u l-użu insostenibbli tal-art fl-Unjoni qed jipperikolaw il-provvista ta' bosta servizzi ewlenin tal-ekosistema, jheddu l-bijodiversità u jżidu l-vulnerabbiltà tal-Ewropa għat-tibdil fil-klima u d-diżastri naturali. Dawn qegħdin jaggravaw ukoll id-degradazzjoni tal-ħamrija u d-deżertifikazzjoni. Aktar minn 25 % tat-territorju tal-Unjoni huwa affettwat mill-erożjoni tal-ħamrija permezz tal-ilma, li tista' tipperikola l-funzjonijiet tal-ħamrija u taffettwa l-kwalità tal-ilma ħelu. Il-kontaminazzjoni u l-impermeabbiltà tal-ħamrija huma wkoll problemi persistenti. Huwa maħsub li aktar minn nofs miljun sit madwar l-Unjoni kollha huma kkontaminati u sa meta jiġu identifikati u vvalutati, dawn se jkomplu jirrappreżentaw riskji ambjentali, ekonomiċi, soċjali u sanitarji, potenzjalment serji. Kull sena jittieħdu aktar minn 1 000 $km^2$ ta' art għall-bini ta' djar, għall-industrija, għat-trasport jew għal finijiet ta' rikreazzjoni. Tali bidliet fit-tul huma diffiċli jew jiswew ħafna flus biex jitreġġgħu lura, u kważi dejjem jinvolvu kompromessi bejn id-diversi ħtiġijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali. Kunsiderazzjonijiet ambjentali, inkluż il-ħarsien tal-ilma u l-konservazzjoni tal-bijodiversità, għandhom jiġu integrati fid-deċiżjonijiet tal-ippjanar li huma relatati mal-użu tal-art sabiex dawn isiru aktar sostenibbli, bil-għan li jsir progress sabiex jintlaħaq l-objettiv li ma tittieħed l-ebda art netta sal-2050.

24. Saru livelli diversi ta' progress fuq livell ta' Stat Membru biex jiżguraw il-protezzjoni tal-ħamrija, inkluż fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' sit ikkontaminat, is-sensibilizzazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp ta' sistemi ta' monitoraġġ. Madankollu, il-progress bi sforzi bbażati fuq riskju u sforzi rimedjali oħrajn mhuwiex regolari, u r-riżultati u r-rappurtar fil-livell tal-Unjoni huma limitati. Bi tweġiba għal tħassib bħall-impatti negattivi fuq l-ċiklu tal-ilma naturali, il-Kummissjoni żviluppat linji gwida dwar is-siġillar tal-ħamrija ([2]). Sforzi addizzjonali biex jissaħħaħ il-kuntest regolatorju, jiġu żviluppati n-netwerks, tkun kondiviża l-konoxxenza, jiġu prodotti linji gwida u identifikati eżempji tal-aħjar prattika jistgħu jikkontribwixxu wkoll għal protezzjoni aħjar tal-ħamrija. Il-Kummissjoni ssottomettiet proposta għal Direttiva li tistabbilixxi qafas għall-protezzjoni tal-ħamrija u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE ([3]).

25. Sabiex jitnaqqsu l-pressjonijiet l-aktar sinifikanti kkawżati mill-bniedem fuq l-art, fuq il-ħamrija u fuq ekosistemi oħrajn fl-Ewropa, se tittieħed azzjoni li tiżgura li d-deċiżjonijiet relatati mal-użu tal-art fil-livelli rilevanti kollha jqisu b'mod xieraq kemm l-impatti ambjentali kif ukoll dawk ekonomiċi u soċjali. L-eżitu ta' Rio+20, fejn ġie rikonoxxut is-sinifikat ekonomiku u soċjali tal-ġestjoni tajba tal-art, talab "dinja fejn id-degradazzjoni tal-art ma tibqax problema". L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jirriflettu fuq kif tali impenn jista' jsir operazzjonali bl-aħjar mod fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom mill-aktar fis jirriflettu wkoll dwar kif jindirizzaw kwistjonijiet dwar il-kwalità tal-ħamrija bl-użu ta' approċċ immirat u proporzjonat ibbażat fuq ir-riskju f'qafas legali vinkolanti. Għandhom ikunu stipulati wkoll miri għall-użu sostenibbli tal-art u tal-ħamrija.

26. Għalkemm ir-rilaxxi tan-nitroġenu u tal-fosforu fl-ambjent tal-Unjoni naqsu b'mod konsiderevoli matul dawn l-aħħar 20 sena, rilaxxi eċċessivi ta' nutrijenti għadhom jaffettwaw il-kwalità tal-arja u l-ilma u għadhom ikollhom impatt negattiv fuq l-ekosistemi, u b'hekk jikkawżaw problemi sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem. B'mod partikolari, ir-rilaxx tal-ammonju minħabba ġestjoni ineffiċjenti tal-fertilizzanti u trattament inadegwat tal-ilma mormi jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod urġenti biex jinkiseb tnaqqis aktar sinifikanti fir-rilaxxi ta' nutrijenti. Huma meħtieġa wkoll sforzi ulterjuri biex jiġi mmaniġġat iċ-ċiklu tan-nutrijenti b'mod iktar kosteffettiv, sostenibbli u effiċjenti fir-riżorsi, u biex tittejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-fertilizzanti. Tali sforzi jeħtieġu investimenti fir-riċerka u titjib fil-koerenza u fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, li l-istandards isiru aktar stretti fejn meħtieġ u ċ-ċiklu tan-nutrijenti jiġi ttratat bħala parti minn approċċ aktar holistiku li jintegra u joħloq rabtiet bejn politiki eżistenti tal-Unjoni li għandhom rwol fit-trattament tal-ewtrofikazzjoni u ta' rilaxxi eċċessivi ta' nutrijenti, u li jevita sitwazzjoni li permezz tagħha l-emissjonijiet tan-nutrijenti jiġu spustjati bejn is-setturi ambjentali.

27. Azzjoni skont l-Istrateġija għall-Bijodiversità tal-UE biex jiġu restawrati tal-anqas 15 % tal-ekosistemi degradati fl-Unjoni u biex jiġi estiż l-użu ta' Infrastruttura Ekoloġika (għodda li tipprovdi benefiċċji ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali permezz ta' soluzzjonijiet naturali, li jinkorporaw l-ispazji ħodor, l-ekosistemi akwatiċi u karatteristiċi fiżiċi oħra fiż-żoni terrestri u tal-baħar) se tgħin biex tingħeleb il-frammentazzjoni tal-art. Tali azzjoni se ssaħħaħ, flimkien mal-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar l-Għasafar u l-Ħabitats, appoġġata mill-Oqfsa ta' Azzjoni ta' prijorità, iktar il-kapital naturali u żżid ir-reżistenza tal-ekosistemi, u tista' toffri alternattivi kosteffettivi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih kif ukoll il-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri. Sadanittant, l-isforzi tal-Istati Membri biex ikunu mmappjati u vvalutati l-ekosistemi u s-servizzi tagħhom se jtejbu d-disponibbiltà tad-dejta, u flimkien mal-inizjattiva ta' "ebda telf nett" ippjanata għall-2015 se jikkontribwixxu għaż-żamma tal-istokk

([1]) COM(2011) 144.
([2]) SWD(2012) 101.
([3]) COM(2006) 232.

tal-kapital naturali fuq bosta livelli. L-integrazzjoni tal-valur ekonomiku tas-servizzi tal-ekosistema fis-sistemi tal-kontabbiltà u tar-rappurtar fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali sal-2020 se tirriżulta f'ġestjoni aħjar tal-kapital naturali tal-Unjoni.

28. Sabiex jipproteġi, jippreserva u jsaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, is-Seba' EAP għandu jiżgura li sal-2020:

(a) jitrażżnu t-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tas-servizzi tal-ekosistemi, inkluż id-dakkir, jinżammu u jissaħħu l-ekosistemi u s-servizzi tagħhom u tal-anqas 15 % tal-ekosistemi degradati jkunu ġew restawrati;

(b) jitnaqqas b'mod konsiderevoli l-impatt tal-pressjonijiet fuq l-ilmijiet tranżizzjonali, kostali u l-ilma ħelu (inklużi l-ilmijiet tal-wiċċ u ta' taħt l-art) sabiex jinkiseb, jinżamm jew jissaħħaħ l-istatus tajjeb kif iddefinit fid-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma.

(c) jitnaqqas l-impatt ta' pressjonijiet fuq l-ilmijiet tal-baħar sabiex jinkiseb jew jinżamm status ambjentali tajjeb kif meħtieġ mid-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marittima, u ż-żoni kostali jiġu mmaniġġati b'mod sostenibbli.

(d) jitnaqqsu aktar it-tniġġis tal-arja u l-impatti tiegħu fuq l-ekosistemi u l-bijodiversità sabiex fuq perjodu twil ta' żmien jintlaħaq l-objettiv li ma jinqabżux piżijiet u livelli kritiċi;

(e) l-art tkun immaniġġata b'mod sostenibbli fl-Unjoni, il-ħamrija tkun protetta b'mod adegwat u r-rimedjar tas-siti kkontaminati jkun fi stadju avvanzat;

(f) iċ-ċiklu tan-nutrijenti (nitroġenu u fosfru) ikun immaniġġat b'mod aktar sostenibbli u effiċjenti fir-riżorsi;

(g) l-immaniġġar tal-foresti jkun sostenibbli, u jiġu protetti l-foresti, il-bijodiversità tagħhom u s-servizzi pprovduti minnhom u kemm jista' jkun jissaħħu u r-reżiljenza tal-foresti għat-tibdil fil-klima, għan-nirien, għat-tempesti, għall-parassiti u għall-mard titjieb.

Dan jesiġi, b'mod partikolari:

(i) it-tħaffif mingħajr dewmien tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità, sabiex jintlaħqu l-objettivi tagħha;

(ii) l-implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan sabiex jiġu Salvagwardjati r-Riżorsi tal-Ilma ([1]), filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ iċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-Istati Membri, u jiġi żgurat li l-objettivi tal-kwalità tal-ilma jkunu appoġġati kif xieraq minn miżuri ta' politika bbażati fuq is-sorsi;

(iii) it-tisħiħ urġenti tal-isforzi, inter alia, sabiex jiġi żgurat li jinkisbu stokkijiet tajbin tal-ħut f'konformità mal-Politika Komuni tas-Sajd, id-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marittima u obbligi internazzjonali; issir ġlieda kontra t-tniġġis u tiġi stabbilita mira prinċipali kwantitattiva ta' tnaqqis madwar l-Unjoni kollha għall-iskart tal-baħar appoġġata minn miżuri bbażati fuq is-sorsi u filwaqt li jitqiesu l-istrateġiji stabbiliti mill-Istati Membri; It-tlestija tan-netwerk ta' żoni tal-baħar protetti Natura 2000, u li jiġi żgurat li l-inħawi kostali jiġu mmaniġġati b'mod sostenibbli;

(iv) li jsir ftehim dwar u tiġi implimentata strateġija tal-UE ta' adattament għall-bidliet fil-klima ([2]), inkluża l-integrazzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima fl-inizjattivi ta' politika u fis-setturi ewlenin tal-Unjoni;

(v) Sforzi msaħħa sabiex tinkiseb konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-arja u biex jiġu ddefiniti miri u azzjonijiet strateġiċi għal wara l-2020;

(vi) It-tisħiħ tal-isforzi sabiex tonqos l-erożjoni tal-ħamrija u tiżdied il-materja organika tal-ħamrija, jiġu rrimedjati s-siti kkontaminati u tissaħħaħ l-integrazzjoni ta' aspetti tal-użu tal-art f'tehid tad-deċiżjonijiet ikkoordinat li jinvolvi l-livelli rilevanti kollha ta' ggvernar, appoġġata minn l-adozzjoni ta' miri dwar il-ħamrija u dwar l-art bħala riżorsa u ta' għanijiet ta' ppjanar għall-ħamrija u l-art;

(vii) It-teħid ta' passi ulterjuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tan-nitroġenu u tal-fosfru, inklużi dawk minn ilma tad-drenaġġ urban u industrijali u mill-użu ta' fertilizzanti, fost l-oħrajn permezz ta' kontroll imtejjeb tas-sors, u biex jiġi rkuprat l-iskart tal-fosfru;

(viii) L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' Strateġija mġedda tal-Unjoni dwar il-Foresti li tindirizza d-domandi u l-benefiċċji multipli relatati mal-foresti u tikkontribwixxi għal approċċ aktar strateġiku li jipproteġi u jsaħħaħ il-foresti, inkluż permezz tal-immaniġġar sostenibbli tal-foresti;

([1]) COM(2012) 673.
([2]) COM(2013) 216.

(ix) It-tisħiħ tal-għoti ta' informazzjoni pubblika, sensibilizzazzjoni u edukazzjoni fl-Unjoni fir-rigward tal-politika ambjentali.

**Għan prijoritarju 2: Biex l-Unjoni ssir ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, ekoloġika u kompetittiva, b'livelli baxx ta' karbonju**

29. L-Istrateġija Ewropa 2020 għandha l-għan li tippromwovi t-tkabbir sostenibbli billi tiżviluppa ekonomija b'użu baxx tal-karbonju li tuża r-riżorsi b'mod aktar effiċjenti u sostenibbli. L-Inizjattiva Ewlenija "Ewropa Effiċjenti fl-Użu tar-Riżorsi" tagħha għandha l-għan li tappoġġa l-bidla lejn ekonomija li hija effiċjenti fil-mod kif tuża r-riżorsi kollha, tnaqqas l-estrazzjoni tar-riżorsi u l-użu tagħhom b'mod ġenerali, ikollha diżakkoppjar sħiħ tat-tkabbir ekonomiku mill-użu tar-riżorsi u tal-enerġija u l-impatti ambjentali tiegħu, tnaqqas l-emissjonijiet ta' GHG, ittejjeb il-kompetittività permezz tal-effiċjenza u l-innovazzjoni u tippromwovi iktar sigurtà tal-enerġija u tar-riżorsi, inkluż permezz tal-użu globali mnaqqas tar-riżorsi. Il-Pjan Direzzjonali għal Ewropa Effiċjenti fl-Użu tar-Riżorsi u l-Pjan Direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju ([1]) huma komponenti ewlenin tal-Inizjattiva Ewlenija, li jistabbilixxu l-qafas għal azzjonijiet futuri biex jinkisbu dawk l-għanijiet, u għandhom jiġu appoġġati bl-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, sħubija bejn l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha u l-industrija, taħt il-politika industrijali integrata tal-Unjoni, tipprovdi mezz ta' tisħiħ tal-investiment u l-innovazzjoni f'sitt swieq ta' tkabbir relatati mal-ekonomija ħadra ([2]).

30. L-innovazzjoni biex tittejjeb l-effiċjenza fir-riżorsi hija meħtieġa fl-ekonomija kollha biex b'hekk titjieb il-kompetittività fil-kuntest ta' prezzijiet tar-riżorsi dejjem ogħla, ta' skarsezza u ta' limiti fil-provvista tal-materja prima, u d-dipendenza fuq l-importazzjoni. Is-settur tan-negozju huwa l-katalizzatur ewlieni tal-innovazzjoni, inkluża l-ekoinnovazzjoni. Madankollu, is-swieq waħedhom mhux se jipprovdu r-riżultati mixtieqa u sabiex itejbu l-prestazzjoni ambjentali tagħhom, l-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) b'mod partikulari jeħtieġu assistenza speċifika biex jadottaw teknoloġiji ġodda, inkluż permezz ta' sħubijiet ta' riċerka u innovazzjoni dwar l-iskart ([3]). Azzjoni fil-livell tal-gvern, dak tal-Unjoni u dak tal-Istati Membri, hija essenzjali biex tipprovdi l-aħjar kundizzjonijiet ta' qafas għall-investimenti u għall-ekoinnovazzjoni, u b'hekk jiġi stimulat l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet sostenibbli teknoloġiċi jew tan-negozju għall-isfidi ambjentali u l-promozzjoni ta' xejriet sostenibbli ta' użu tar-riżorsi ([4]).

31. Dan ir-rekwiżit ewlieni biex tiġi indirizzata l-isfida ambjentali għandu wkoll benefiċċji soċjoekonomiċi importanti u jista' jistimola l-kompetittività. Tkabbir potenzjali fl-impjiegi li jirriżulta mit-trasformazzjoni għal ekonomija b'livelli baxxi ta' karbonju, effiċjenti fir-riżorsi, sikura u sostenibbli, huwa ċentrali għall-ksib tal-għanijiet tal-Ewropa 2020 għall-impjiegi ([5]). Matul dawn l-aħħar snin, l-impjieg fis-setturi ta' teknoloġiji ambjentali u tas-servizzi fl-Unjoni kienu qed jikbru b'madwar 3 % fis-sena ([6]). Is-suq globali għall-ekoindustriji huwa stmat li jiswa mill-inqas triljun euro ([7]), u huwa mistenni li kważi jirdoppja matul l-10 snin li ġejjin. Kumpaniji Ewropej diġà qegħdin fuq quddiem fil-livell globali fir-riċiklaġġ u fl-effiċjenza enerġetika u għandhom jiġu mħeġġa li jibbenifikaw minn dan it-tkabbir fid-domanda globali, bl-appoġġ mill-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekoinnovazzjoni ([8]). Pereżempju, is-settur Ewropew tas-sorsi rinnovabbli waħdu huwa mistenni li jiġġenera iktar minn 400 000 impjieg ġdid sal-2020 ([9]). Bijoekonomija sostenibbli tista' tikkontribwixxi wkoll għal tkabbir intelliġenti u aħdar fl-Ewropa, u fl-istess ħin tibbenefika minn effiċjenza mtejba fl-użu tar-riżorsi.

32. L-implimentazzjoni sħiħa tal-Pakkett tal-Unjoni dwar il-Klima u l-Enerġija hija essenzjali sabiex jintlaħqu l-istadji ewlenin identifikati għall-2020 u biex sal-2050 tinbena ekonomija kompetittiva, sikura u sostenibbli, b'livelli baxxi ta' karbonju. Billi bħalissa l-Unjoni qed iżżomm ir-ritmu mixtieq biex sal-2020 tnaqqas l-emissjonijiet domestiċi tal-GHG b'20 % taħt il-livelli tal-1990, li tintlaħaq il-mira ta' 20 % fl-effiċjenza enerġetika se tesiġi titjib ħafna aktar mgħaġġel fl-effiċjenza u bidla fl-imġiba. Id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika ([10]) hija mistennija li tagħti kontribut sinifikanti f'dan ir-rigward, u tista' tiġi kkomplimentata minn rekwiżiti ta' effiċjenza għall-użu tal-enerġija tal-prodotti mqiegħda fis-suq tal-Unjoni. Fid-dawl ta' domanda dejjem tikber għall-enerġija u tad-dibattitu kontinwu dwar il-kunflitt bejn l-użu tal-art għall-ikel u għall-bijoenerġija huwa wkoll importanti li ssir valutazzjoni komprensiva tad-disponibbiltà tal-provvista ta' bijomassa sostenibbli. Huwa wkoll vitali li jiġi żgurat li l-bijomassa fil-forom kollha tagħha tkun prodotta u tintuża b'mod sostenibbli u effiċjenti matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tagħha, sabiex jitnaqqsu jew jiġu evitati l-impatti negattivi fuq l-ambjent u l-klima, u b'attenzjoni xierqa għall-kuntest ekonomiku tal-użi varji tal-biomassa bħala riżors. Dan jikkontribwixxi għal bini ta' ekonomija b'użu baxx tal-karbonju.

([1]) COM(2011) 112.
([2]) COM(2012) 582 intitolata "Industrija Ewropea Aktar b'Saħħitha għat-Tkabbir u l-Irkupru Ekonomiku".
([3]) Il-Prinċipju IX tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar jipproponi azzjonijiet sabiex l-SMEs ikunu jistgħu jbiddlu l-isfidi ambjentali f'opportunitajiet (COM(2008) 394).
([4]) Fostering Innovation for Green Growth (Trawwim tal-Innovazzjoni għal Tkabbir Ambjentali) (OECD 2011) u The Eco-Innovation Gap: An economic opportunity for business (Id-Diskrepanza Eko-Innovazzjoni: Opportunità Ekonomika għan-negozju) (EIO 2012).
([5]) COM(2012) 173.
([6]) Is-settur tal-ekoindustrija tal-UE ħaddem madwar 2,7 miljun ruħ fl-2008 u għall-2012 din iċ-ċifra tista' tilħaq madwar 3,4 miljun. (Ecorys, 2012).
([7]) "In-numru ta' impjiegi li jiddependu fuq l-Ambjent u t-titjib fl-Effiċjenza tar-Riżorsi" (ECORYS 2012).
([8]) COM(2011) 899.
([9]) L-impatt tal-politika tal-enerġija rinnovabbli fuq it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi fl-UE (Employ-RES 2009).
([10]) Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

33. Jeħtieġ li s-setturi kollha tal-ekonomija jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-GHG jekk l-Unjoni ser twettaq is-sehem ġust tagħha fl-isforzi globali. Jeħtieġ li l-Unjoni taqbel dwar il-passi li jmiss fir-rigward tal-qafas tagħha dwar il-klima u l-enerġija għal wara l-2020 sabiex tħejji ruħha għan-negozjati internazzjonali dwar ftehim legalment vinkolanti ġdid, iżda wkoll biex tipprovdi lill-Istati Membri, lill-industrija u lil setturi oħrajn qafas u objettiv(i) ċari u legalment vinkolanti biex jagħmlu l-investimenti meħtieġa fuq medda ta' żmien medju u fit-tul, fit-tnaqqis tal-emissjonijiet, fl-effiċjenza enerġetika u fl-enerġija rinnovabbli. Għalhekk jeħtieġ li l-Unjoni tqis l-alternattivi ta' politika biex twettaq il-qalba lejn ekonomija b'użu baxx tal-karbonju b'mod gradwali u kosteffettiv, filwaqt li tqis l-istadji indikattivi stabbiliti fil-Pjan Direzzjonali għal Ekonomija b'Livelli Baxxi ta' Karbonju sal-2050, li għandu jservi bħala bażi għal aktar ħidma. Il-Green Paper dwar qafas għall-politiki dwar il-klima u l-enerġija għall-2030 ([1]) tirrappreżenta pass importanti f'dan ir-rigward. Il-Pjan direzzjonali dwar l-Enerġija sal-2050 u l-White Paper dwar it-trasport jeħtieġ li jkunu msejsa fuq oqfsa ta' politika b'saħħithom. Minbarra dan, jeħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw u jistabbilixxu strateġiji ta' żvilupp fit-tul, kosteffettivi u b'livelli baxxi ta' karbonju mmirati biex jiksbu l-għan tal-Unjoni li tnaqqas l-emissjonijiet ta' GHG bi 80 % sa 95 % sa nofs is-seklu, meta mqabbel mal-livelli tal-1990, bħala parti minn sforz biex tiġi limitata ż-żieda fit-temperatura medja għal taħt iż-2 °C meta mqabbla ma' livelli preindustrijali, u fil-kuntest tat-tnaqqis meħtieġ minn pajjiżi żviluppati bħala grupp, skont evidenza provduta mill-Panil Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima (-IPCC). Is-Sistema tal-Unjoni tan-Negozjar tal-Emissjonijiet se tkompli tkun pilastru ċentrali tal-politika tal-Unjoni dwar il-klima għal wara l-2020 u għandha tiġi riformata strutturalment biex jiġi inċentivizzat l-investimenti f'teknoloġiji b'użu baxx ta' karbonju. B'konsistenza mal-impenji internazzjonali, l-Unjoni, flimkien ma' partijiet oħra għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCCC), għandha tappoġġa lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-isforzi tagħhom biex irażżnu t-tibdil fil-klima permezz tal-bini tal-kapaċità, għajnuna finanzjarja u trasferiment tat-teknoloġija.

34. L-adozzjoni, min-naħa tal-industrija, tal-'Aqwa Tekniki Disponibbli' taħt id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali ([2]) se twassal għal xejriet imtejba fl-użu tar-riżorsi u emissjonijiet imnaqqsa għal aktar minn 50 000 stallazzjoni industrijali ewlenija tal-Unjoni; b'hekk tkun qed tagħti kontribut sinifikanti biex jiġi stimulat l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi, ikun hemm approċċ aktar ekoloġiku lejn l-ekonomija u jitnaqqsu l-ispejjeż għall-industrija aktar fit-tul. Dan l-iżvilupp jista' jiġi mħeġġeġ aktar permezz tal-implimentazzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni ambjentali, bħall-EMAS ([3]), mill-industrija.

35. Xi strumenti ta' politika eżistenti rigward il-produzzjoni u l-konsum huma limitati fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Hemm il-ħtieġa li jsir qafas li jagħti sinjali xierqa lill-produtturi u lill-konsumaturi biex jiġu promossi kemm l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u kemm l-ekonomija ċirkulari. Se jittieħdu miżuri biex titjieb aktar il-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti u s-servizzi fis-suq tal-Unjoni matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tagħhom inklużi miżuri biex tiżdied il-provvista ta' prodotti u ta' servizzi sostenibbli mil-lat ambjentali u biex tiġi stimulata bidla sinifikanti fid-domanda tal-konsumatur għal tali prodotti. Dan se jinkiseb bl-użu ta' taħlita bbilanċjata ta' inċentivi għall-konsumaturi u għan-negozji (inklużi l-SMEs) ta' strumenti bbażati fuq is-suq u ta' regolamenti sabiex jitnaqqsu l-impatti ambjentali tal-operazzjonijiet u l-prodotti tagħhom. Il-konsumaturi għandhom jirċievu tagħrif preċiż, affidabbli u li faċilment jinftiehem dwar il-prodotti li huma jixtru, permezz ta' tikketti ċari u koerenti, inkluż fir-rikward tad-dikjarazzjonijiet ambjentali. L-imballaġġ għandu jiġi ottimizzat biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-impatti ambjentali, filwaqt li għandhom jiġu appoġġati wkoll il-mudelli tan-negozju li jagħmlu użu effiċjenti tar-riżorsi, bħal ma huma s-sistemi tas-servizz dwar il-prodott, inkluż il-kiri ta' prodotti. Il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-prodotti bħad-Direttivi dwar l-Ekodisinn u dwar it-Tikketta Enerġetika ([4]) u r-Regolament dwar l-Ekotikketta ([5]) se jiġu analizzati bl-għan li jitjiebu l-prestazzjoni ambjentali u l-effiċjenza fir-riżorsi tal-prodotti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, u jiġu indirizzati d-dispożizzjonijiet eżistenti permezz ta' qafas politiku u leġiżlattiv aktar koerenti għall-produzzjoni u l-konsum sostenibbli fl-Unjoni ([6]). Dan il-qafas appoġġat mill-indikaturi taċ-ċiklu tal-ħajja għandu jindirizza l-frammentazzjoni u l-limitazzjonijet tal-kamp ta' applikazzjoni tal-*acquis* eżistenti dwar Produzzjoni u Konsum Sostenibbli (PKS), u jidentifika u fejn ikun meħtieġ jimla l-lakuni li hemm fil-politika, l-inċentivi u l-leġiżlazzjoni biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti minimi fir-rigward tal-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti u s-servizzi huma fis-seħħ.

36. Ladarba 80 % tal-impatti ambjentali kollha ta' prodott matul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu joriġinaw fil-fażi tad-disinn tiegħu, il-qafas tal-politika tal-Unjoni għandu jiżgura li l-prodotti prijoritarji mqiegħda fis-suq tal-Unjoni huma "ekodisinjati" bil-ħsieb li jottimizzaw l-effiċjenza fir-riżorsi u l-materjal, billi jindirizzaw, inter alia, id-durabbiltà, tal-prodott, il-kapaċità li jissewwa, l-użu mill-ġdid, ir-riċiklabbiltà, il-kontenut riċiklat u t-tul tal-ħajja tal-prodott. Il-prodotti għandu jkollhom sors sostenibbli u jkunu ddisinjati għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ. Għandu jkun possibbli

([1]) COM(2013) 169.
([2]) Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).
([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1).
([4]) Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10) u d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 19 ta' Mejju 2010 dwar l-indikazzjoni permezz ta' ttikkettar u l-informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti marbutin mal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 1).
([5]) Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE (ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1).
([6]) Leġiżlazzjoni dwar l-Ekodisinn, it-Tikketta Enerġetika, l-EMAS u Prassi Kummerċjali Inġusti għandhom ikunu riveduti qabel l-2015.

li dawn ir-rekwiżiti jiġu implimentati u li jkunu jistgħu jiġu infurzati. L-isforzi se jkunu intensifikati fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali biex jitneħħa x-xkiel għall-ekoinnovazzjoni ([1]) u jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-ekoindustriji tal-Ewropa, u b'hekk jiġu ġġenerati benefiċċji għall-impjiegi ekoloġiċi u għat-tkabbir.

37. Jiġi stabbilit qafas għal azzjoni li jtejjeb aspetti tal-effiċjenza fir-riżorsi li jmorru lil hinn mill-emissjonijiet tal-GHG u l-enerġija, jiġu stabbiliti miri biex jitnaqqas l-impatt ambjentali kumplessiv tal-konsum tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott, b'mod partikolari fis-setturi tal-ikel, tad-djar u tal-mobbiltà ([2]). Flimkien, dawk is-setturi jirrappreżentaw kważi 80 % tal-impatti ambjentali tal-konsum. L-indikaturi u l-objettivi għall-impatt fuq l-art, l-impatt fuq l-ilma, l-impatt fuq il-materjali u l-impatt tal-karbonju, kif ukoll ir-rwol tagħhom fis-Semestru Ewropew għandhom jiġu kkunsidrati wkoll f'dan ir-rigward. L-eżitu ta' Rio+20 irrikonoxxa l-ħtieġa li jitnaqqas b'mod sinifikanti t-telf u l-ħela ta' wara l-ħsad u oħrajn mill-ikel kif ukoll l-iskart tul il-katina kollha tal-provvista tal-ikel. Il-Kummissjoni għandha għalhekk tippreżenta strateġija komprensiva biex tiġi miġġielda l-ħela tal-ikel bla bżonn u twettaq ħidma mal-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-ġenerazzjoni ta' skart eċċessiv. Il-miżuri biex jiżdied l-ikkompostjar u d-diġestjoni anerobika tal-ikel mormi, kif xieraq, ikun utli f'dan ir-rigward.

38. Minbarra r-rekwiżiti obbligatorji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku għal ċerti kategoriji ta' prodotti ([3]), il-biċċa kbira tal-Istati Membri adottaw pjanijiet ta' azzjoni volontarji u bosta ffissaw miri għal gruppi ta' prodotti speċifiċi. Madankollu, hemm lok konsiderevoli għal amministrazzjonijiet fil-livelli kollha biex ikomplu jnaqqsu l-impatt ambjentali tagħhom permezz tad-deċiżjonijiet ta' xiri tagħhom. L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom jieħdu passi ulterjuri biex jilħqu l-mira ta' applikazzjoni tal-kriterji tal-akkwist ekoloġiku għal mill-inqas 50 % tal-offerti pubbliċi. Il-Kummissjoni se tikkunsidra li tipproponi leġiżlazzjoni speċifika għas-setturi biex jiġu stabbiliti rekwiżiti obbligatorji għall-akkwist pubbliku ekoloġiku għal aktar kategoriji ta' prodotti u l-kamp ta' applikazzjoni għall-monitoraġġ perjodiku tal-progress tal-Istati Membri abbażi ta' dejta adegwata mingħand l-Istati Membri, filwaqt li tikkunsidra l-ħtieġa li tnaqqas kemm jista' jkun il-livell tal-piż amministrattiv. Għandhom jiġu żviluppati netwerks volontarji ta' xerrejja ħodor.

39. Hemm ukoll potenzjal konsiderevoli għal titjib fil-prevenzjoni u fil-ġestjoni tal-iskart fl-Unjoni sabiex ikun hemm użu aħjar tar-riżorsi, jinfetħu swieq ġodda, jinħolqu impjiegi ġodda u tonqos id-dipendenza fuq l-importazzjoni ta' materja prima, filwaqt li jkun hemm inqas impatti fuq l-ambjent ([4]). Kull sena fl-Unjoni, huma prodotti 2,7 biljun tunnellati ta' skart, li minnhom 98 miljun tunnellata (4 %) huma skart perikoluż. Fl-2011, il-medja tal-ġenerazzjoni per capita tal-iskart muniċipali kienet ta' 503 kg madwar l-Unjoni, imma tvarja minn 298 kg sa 718 kg fl-Istati Membri individwali. Bħala medja, 40 % biss mill-iskart solidu jitħejja għall-użu mill-ġdid jew jiġi rriċiklat filwaqt li.xi Stati Membri jiksbu rata ta' 70 %, li juri kif l-iskart jista' jintuża bħala waħda mir-riżorsi ewlenin tal-Unjoni. Fl-istess ħin, ħafna Stati Membri jarmu fil-miżbliet aktar minn 75 % mill-iskart muniċipali tagħhom ([5]).

40. It-trasformazzjoni tal-iskart f'riżorsa, kif mitlub fil-Pjan Direzzjonali għall-Użu Effiċjenti tar-Riżorsi, tesiġi l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-iskart mal-Unjoni kollha kemm hi, fuq il-bażi tal-applikazzjoni stretta tal-ġerarkija tal-iskart u l-iżgurar li jkunu koperti t-tipi differenti ta' skart ([6]). Sforzi addizzjonali huma meħtieġa biex: tonqos il-ġenerazzjoni per capita tal-iskart u l-ġenerazzjoni tal-iskart f'termini assoluti. Il-limitar tal-irkupru tal-enerġija għall-materjali mhux riċiklabbli ([7]), l-eliminazzjoni gradwali tar-rimi fil-miżbliet ta' skart riċiklabbli jew li jista' jiġi rkuprat ([8]), li jiġi żgurat riċiklaġġ ta' kwalità għolja fejn l-użu ta' materjal riċiklat ma jwassalx b'mod ġenerali għal impatti negattivi fuq l-ambjent jew fuq is-saħħa tal-bniedem, u li jiġu żviluppati swieq ta' materja prima sekondarja huma wkoll meħtieġa sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-effiċjenza fir-riżorsi. Jeħtieġ li l-iskart perikoluż ikun immaniġġat b'mod li jitnaqqsu l-effetti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, kif ġie miftiehem f'Rio+20. Biex jinkiseb dak il-għan, strumenti bbażati fuq is-suq u miżuri oħrajn li jiffavorixxu l-prevenzjoni, ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid għandhom jiġu applikati ħafna iktar sistematikament madwar l-Unjoni, inkluża r-responsabbiltà estiża tal-produttur, filwaqt li għandu jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' ċikli ta' materjali mhux tossiċi. Attivitajiet ta' riċiklaġġ li jiffaċċjaw ostakli fis-suq intern tal-Unjoni għandhom jitneħħew u l-miri li jeżistu għall-prevenzjoni, l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ, l-irkupru u t-tneħħija tar-rimi fil-miżbliet, għandhom jiġu riveduti biex jersqu lejn "ekonomija ċirkolari" bbażata fuq iċ-ċiklu tal-ħajja, b'utilizzazzjoni f'kaskata ta' riżorsi u bi kważi l-ebda skart residwu.

([1]) COM(2011) 899.

([2]) Il-ġenerazzjoni annwali tal-iskart tal-ikel fl-Unjoni hija ta' madwar 89 miljun tunnellata, li tirrappreżenta 179 kg per capita (BIO Intelligence Service 2010). L-impatti aggregati tal-bini ta' djar u l-infrastruttura jammontaw għal madwar 15-30 % tal-pressjonijiet ambjentali kollha relatati mal-konsum fl-Ewropa u jikkontribwixxu madwar 2,5 tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ per capita kull sena (SEC(2011)1067).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 106/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar programm Komunitarju ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir tal-uffiċċju (ĠU L 39, 13.2.2008, p. 1); Id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija (ĠU L 120, 15.5.2009, p. 5) u d-Direttiva ġdida dwar l-Effiċjenza Enerġetika.

([4]) Pereżempju, l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-iskart għandha tiffranka EUR 72 biljun fis-sena, iżżid il-fatturat annwali tas-settur tal-ġestjoni u tar-riċiklaġġ tal-iskart tal-Unjoni b'EUR 42 biljun u toħloq iktar minn 400 000 impjieg sal-2020.

([5]) Eurostat Stat 13/33 Skart Muniċipali 2011.

([6]) Id-Direttiva 2008/98/KE.

([7]) Ir-"riċiklaġġ" huwa definit fil-punt 17 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/98/KE bħala "kwalunkwe operazzjoni ta' rkupru li biha l-materjali tal-iskart jiġu pproċessati mill-ġdid fi prodotti, materjali jew sustanzi għall-użu oriġinali jew għal skopijiet oħra. Dan jinkludi il-proċessar mill-ġdid ta' materjal organiku iżda ma jinkludix irkupru ta' enerġija u l-ipproċessar mill-ġdid f'materjali li għandhom jintużaw bħala karburanti jew għal operazzjonijiet ta' radam mill-ġdid;".

([8]) L-"irkupru" huwa definit fil-punt 15 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/98/KE bħala "kwalunkwe operazzjoni li r-riżultat prinċipali tagħha jkun skart li jservi skop utli permezz tas-sostituzzjoni ta' materjali oħra li inkella kienu jintużaw biex jissodisfaw funzjoni partikolari, jew skart li qed jiġi ppreparat b'mod li jissodisfa dik il-funzjoni, fl-impjant jew fl-ekonomija usa'. […];".

41. L-effiċjenza fir-riżorsi fis-settur tal-ilma se tiġi indirizzata wkoll bħala prijorità sabiex tgħin fil-kisba ta' status tajjeb tal-ilma. Minkejja li l-perjodi ta' nixfa u l-iskarsezza tal-ilma jaffetwaw dejjem aktar partijiet tal-Ewropa, huwa stmat li 20–40 % tal-ilma disponibbli tal-Ewropa għadu qed jinħela, pereżempju, permezz ta' tnixxijiet fis-sistema ta' distribuzzjoni jew adozzjoni mhux adegwata tat-teknoloġiji tal-effiċjenza tal-ilma. Skont l-immudellar disponibbli, għad hemm lok konsiderevoli biex tiġi mtejba l-effiċjenza fl-ilma tal-Unjoni. Barra minn hekk, id-domanda dejjem tikber u l-impatti tat-tibdil fil-klima huma mistennija li jżidu l-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma tal-Ewropa b'mod sinifikanti. F'dan l-isfond, sal-2020 l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jieħdu azzjoni sabiex jiżguraw li ċ-ċittadini jkollhom aċċess għal ilma nadif u li l-estrazzjoni tal-ilma tirrispetta l-limiti tar-riżorsi rinnovabbli tal-ilma disponibbli, bil-għan li jinżamm, jinkiseb jew jissaħħaħ l-istatus ta' ilma tajjeb skont id-Direttiva Qafas tal-Ilma, inkluż billi titjieb l-effiċjenza fl-ilma permezz tal-użu ta' mekkaniżmi tas-suq bħall-ipprezzar tal-ilma li jirrifletti l-valur reali tal-ilma, kif ukoll għodod oħrajn, bħall-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni ([1]). L-akbar setturi ta' konsum, bħall-enerġija u l-agrikoltura, għandhom jitħeġġu biex tingħata prijorità għall-użu l-aktar effiċjenti tal-ilma. Il-progress se jiġi ffaċilitat billi jiġu aċċellerati l-wiri u l-adozzjoni ta' teknoloġiji, ta' sistemi u ta' mudelli tan-negozju innovattivi msejsa fuq il-Pjan Strateġiku ta' Implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar l-Ilma.

42. Qafas ta' politika fit-tul u prevedibbli f'dawk l-oqsma kollha jgħin biex jistimola l-livell ta' investimenti u l-azzjoni meħtieġa biex jiġu żviluppati bis-sħiħ swieq għal teknoloġiji aktar ekoloġiċi u jiġu promossi soluzzjonijiet kummerċjali sostenibbli. L-indikaturi u l-miri tal-effiċjenza fir-riżorsi, ibbażati fuq il-ġbir ta' dejta b'saħħitha, jipprovdu l-gwida meħtieġa għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-oqsma pubbliċi u privati għat-trasformazzjoni tal-ekonomija. Ladarba jkun hemm qbil dwarhom fil-livell tal-Unjoni, tali indikaturi u miri se jsiru parti integrali tas-Seba' EAP. Biex ikunu ta' kontribut għal dan il-proċess, sal-2015 għandhom jiġu żviluppati metodoloġiji biex titkejjel l-effiċjenza tal-użu tal-ilma, tal-art, tal-materjali u tal-karbonju.

43. Sabiex l-Unjoni ssir ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, ekoloġika, kompetittiva u b'livelli baxxi ta' karbonju, is-Seba' EAP għandu jiżgura li sal-2020:

(a) l-Unjoni tkun laħqet l-miri tagħha għall-2020 dwar il-klima u l-enerġija u tkun qed taħdem sabiex sal-2050 jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' GHG bi 80-95 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990, bħala parti minn sforz globali li tiġi limitata ż-żieda fit-temperatura medja għal taħt iż-2 °C mqabbla ma' livelli preindustrijali, bil-ftehim dwar qafas għall-klima u l-enerġija għall-2030 bħala pass fundamentali f'dan il-proċess;

(b) l-impatt ambjentali kumplessiv tas-setturi ewlenin kollha tal-ekonomija tal-Unjoni jitnaqqas b'mod konsiderevoli, tiżdied l-effiċjenza fir-riżorsi u li l-metodoloġiji ta' benchmarking, kejl, inċentivi tas-suq u tal-politika li jrawmu investimenti tan-negozju fl-effiċjenza tar-riżorsi jkunu fis-seħħ, filwaqt li tkabbir ekoloġiku jkun stimulat permezz ta' miżuri li jrawmu l-innovazzjoni;

(c) tibdiliet strutturali fil-produzzjoni, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, kif ukoll fix-xejriet tal-konsum u fl-istili ta' ħajja jkunu naqqsu l-impatt ambjentali kumplessiv tal-produzzjoni u l-konsum, b'mod partikolari fis-setturi tal-ikel, tad-djar u tal-mobbiltà;

(d) l-iskart ikun immaniġġat b'mod sikur bħala riżorsa u sabiex tiġi evitata l-ħsara lis-saħħa u lill-ambjent, il-ġenerazzjoni tal-iskart f'termini assoluti u l-iskart iġġenerat per capita jkunu qed jonqsu, ir-rimi ta' skart f'terraferma jkun limitat għall-iskart residwu (jiġifieri li ma jistax jiġi rkuprat jew riċiklat), filwaqt li jitqiesu l-posponimenti previsti fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma ([2]), u l-irkupru tal-enerġija jkun limitat għal materjali mhux riċiklabbli, filwaqt li jiġi kkunsidrat l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart ([3]);

(e) l-istress fuq l-ilma fl-Unjoni jkun evitat jew imnaqqas b'mod sinifikanti.

Dan jesiġi, b'mod partikolari:

(i) l-implimentazzjoni sħiħa tal-Pakkett dwar il-Klima u l-Enerġija u ftehim urġenti dwar il-qafas ta' politika dwar il-klima u l-enerġija tal-Unjoni għall-2030, b'kunsiderazzjoni xierqa tar-rapport ta' evalwazzjoni l-aktar riċenti tal-IPCC, u tal-istadji indikattivi ffissati fil-Pjan Direzzjonali dwar Ekonomija Kompetittiva b'Emissjonijiet Baxxi tal-Karbonju, kif ukoll l-iżviluppi fi ħdan l-UNFCCC u proċessi relevanti oħrajn;

(ii) l-applikazzjoni ta' "L-Aqwa Tekniki Disponibbli" issir ġeneralizzata fil-kuntest tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali u li l-isforzi li jippromwovu l-adozzjoni ta' teknoloġiji, proċessi u servizzi innovattivi u emerġenti jissaħħu.

([1]) COM(2012) 673.
([2]) Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April tal-1999 dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma (ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1).
([3]) Direttiva 2008/98/KE.

(iii) tingħata spinta lill-isforzi pubbliċi u privati meħtieġa fir-riċerka u l-innovazzjoni għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji, sistemi u mudelli innovattivi li se jħaffu u jnaqqsu l-ispiża ta' tranżizzjoni lejn ekonomija b'livelli baxxi ta' karbonju u effiċjenti fir-riżorsi, sikura u sostenibbli; l-iżvilupp ulterjuri tal-approċċ stabbilit fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekoinnovazzjoni, l-identifikazzjoni tal-prijoritajiet għall-innovazzjoni inkrementali kif ukoll bidliet fis-sistema, il-promozzjoni ta' sehem tas-suq akbar ta' teknoloġiji ħodor fl-Unjoni u t-tisħiħ tal-kompetittività tal-ekoindustrija Ewropea; l-iffissar ta' indikaturi u ta' objettivi realistiċi u li jinkisbu għall-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi;

(iv) l-iżvilupp, sal-2015, ta' metodoloġiji ta' kejl u ta' riferiment għall-effiċjenza tar-riżorsi fl-użu tal-art, tal-karbonju, tal-ilma u tal-materjali u l-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-inklużjoni ta' indikatur u objettiv ewlieni fis-Semestru Ewropew;

(v) l-istabbiliment ta' qafas ta' politika aktar koerenti għall-produzzjoni u l-konsum sostenibbli, inkluż, fejn xieraq, il-konsolidazzjoni tal-istrumenti eżistenti f'qafas legali koerenti. Ir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti bl-għan li jitjiebu l-prestazzjoni ambjentali u l-effiċjenza fir-riżorsi tal-prodotti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom; l-istimolazzjoni tad-domanda tal-konsumatur għall-prodotti u s-servizzi sostenibbli mill-aspett ambjentali permezz ta' politiki li jippromwovu d-disponibbiltà tagħhom, l-aċċessibbiltà mill-aspett finanzjarju, il-funzjonalità u l-attrazzjoni tagħhom; l-iżvilupp ta' indikaturi u miri realistiċi u realizzabbli għat-tnaqqis tal-impatt kumplessiv tal-konsum;

(vi) l-iżvilupp ta' programmi ta' taħriġ immirati lejn impjiegi li jiffavorixxu l-ambjent;

(vii) iż-żieda fl-isforzi biex jintlaħqu miri eżistenti u jiġu riveduti approċċi għall-akkwist pubbliku li jiffavorixxi l-ambjent, inkluż l-ambitu tiegħu, sabiex tiżdied l-effettività tiegħu; il-ħolqien ta' netwerk ta' xerrejja ekoloġiċi għall-impriżi tal-Unjoni;

(viii) l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-iskart. Tali implimentazzjoni se tinkludi l-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart f'konformità mad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart u l-użu effettiv ta' strumenti bbażati fuq is-suq u miżuri oħra biex jiżguraw li: (1) ir-rimi ta' skart f'terraferma jkun limitat għal skart residwu (jiġifieri, skart mhux riċiklabbli u mhux rekuperabbli), filwaqt li jiġu kkunsidrati l-posponimenti pprovduti fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva dwar ir-rimi tal-iskart f'terraferma; (2) l-irkupru tal-enerġija jkun limitat għal materjali mhux riċiklabbli, filwaqt li jiġi kkunsidrat l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart; (3) l-iskart riċiklat jintuża bħala sors ewlieni affidabbli ta' materja prima għall-Unjoni, permezz tal-iżvilupp ta'ċikli ta' materjal tossiku, (4) l-iskart perikoluż ikun immaniġġat b'mod sikur u l-ġenerazzjoni tiegħu titnaqqas; (5) il-ġarr illegali tal-iskart bil-baħar ikun eliminat bl-appoġġ ta' monitoraġġ riġidu; u (6) l-iskart mill-ikel jonqos; isiru reviżjonijiet ta' prodotti eżistenti u leġiżlazzjoni dwar l-iskart, inkluż reviżjoni tal-miri prinċipali tad-direttivi rilevanti dwar l-iskart, bl-informazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għal Ewropa tal-Użu Effiċjenti tar-Riżorsi, sabiex wieħed jersaq lejn ekonomija ċirkulari; u jitneħħew l-ostakli għas-suq intern fl-Unjoni għall-attivitajiet ta' riċiklaġġ li jirrispettaw l-ambjent. Kampanji ta' sensibilizzazzjoni tal-pubbliku huma meħtieġa biex tinbena kuxjenza dwar il-politika tal-iskart u l-politika tinftiehem aħjar, u sabiex jingħata stimolu lill-bidla fl-imġiba;

(ix) it-titjib tal-effiċjenza fl-ilma billi jkunu ffissati u mmonitorjati miri fil-livell tal-baċini tax-xmajjar fuq il-bażi ta' metodoloġija komuni sabiex jiġu żviluppati miri ta' effiċjenza fl-ilma skont l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Komuni, u bl-użu ta' mekkaniżmi tas-suq, bħall-ipprezzar tal-ilma, kif jipprevedi l-Artikolu 9 tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u, fejn xieraq, miżuri oħra tas-suq; l-iżvilupp ta' approċċi biex jiġi ġestjonat l-użu tal-ilma mormi trattat.

**Għan prijoritarju 3: Jitħarsu ċ-ċittadini tal-Unjoni minn pressjonijiet relatati mal-ambjent u r-riskji għas-saħħa u l-benesseri.**

44. Il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni pprovdiet benefiċċji sinifikanti għas-saħħa u l-benesseri tal-pubbliku. Madankollu, it-tniġġis tal-ilma, it-tniġġis tal-arja u s-sostanzi kimiċi jibqgħu fost il-kwistjonijiet ambjentali ewlenin ta' tħassib fost il-pubbliku ġenerali fl-Unjoni [1]. Skont stima tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) aġenti li jikkawżaw stress ambjentali huma responsabbli għal bejn 15 u 20 % tal-imwiet kollha f'53 pajjiż Ewropew [2]. Skont l-OECD, sal-2050 it-tniġġis tal-arja urbana qiegħed fil-proċess li jsir il-kawża ambjentali prinċipali ta' mwiet madwar id-dinja.

45. Parti sostanzjali mill-popolazzjoni tal-Unjoni tibqa' esposta għal livelli ta' tniġġis tal-arja, inkluż it-tniġġis tal-arja ta' ġewwa, ogħla mill-istandards irrakkommandati mid-WHO [3]. Pereżempju, it-tisħin lokali bil-faħam u l-magni u l-istallazzjonijiet ta' kombustjoni huma sors sinifikanti ta' idrokarburi poliaromatiċi mutaġeniċi u karċinoġeniċi (PAH) u emissjonijiet perikolużi ta' materja partikulata (PM 10, PM 2,5 and PM 1). L-azzjoni hija speċjalment meħtieġa

[1] Stħarriġ Ewrobarometru Speċjali 365 (2011).
[2] SOER 2010.
[3] SOER 2010.

f'oqsma, bħal fl-ibliet, fejn in-nies, partikolarment gruppi tas-soċjetà sensittivi jew vulnerabbli, u l-ekosistemi huma esposti għal livelli għolja ta' sustanzi li jniġġsu. Sabiex jiġi żgurat ambjent san għal kulħadd, il-miżuri ambjentali għandhom jiġu kkomplementati b'politika adegwata kemm fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni.

46. L-aċċess għal ilma ta' kwalità sodisfaċenti għadu problematiku f'għadd ta' żoni rurali fl-Unjoni. Madankollu, l-iżgurar tal-kwalità tajba tal-ilmijiet għall-għawm tal-Ewropa jiffavorixxi kemm is-saħħa tal-bniedem kif ukoll l-industrija tat-turiżmu tal-Unjoni. Il-konsegwenzi negattivi tal-għargħar u n-nixfa għas-saħħa tal-bniedem u għall-attività ekonomika qed ikunu esperjenzati aktar ta' spiss, parzjalment minħabba tibdil fiċ-ċiklu idroloġiku u fl-użu tal-art.

47. In-nuqqas ta' implimentazzjoni sħiħa tal-politika eżistenti qiegħed iżomm lill-Unjoni milli tikseb standards adegwati tal-kwalità tal-arja u tal-ilma. L-Unjoni se taġġorna l-miri skont l-aktar xjenza reċenti u se tipprova b'mod aktar attiv li tiżgura sinerġiji ma' għanijiet oħra ta' politika f'oqsma bħat-tibdil fil-klima, il-mobbiltà u t-trasport, il-bijodiversità u l-ambjent tal-baħar u tal-art. Pereżempju, it-tnaqqis ta' ċerti sustanzi li jniġġsu l-arja, inklużi s-sustanzi inkwinanti ta' ħajja qasira, jista' jagħti kontribut importanti għall-mitigazzjoni tal-klima. Aktar ħidma f'din id-direzzjoni se tiġi ggwidata permezz ta' analiżi komprensiva tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-arja u permezz tal-implimentazzjoni tal-Pjan għas-Salvagwardja tar-Riżorsi tal-Ilma tal-Ewropa.

48. L-indirizzar tat-tniġġis mis-sors jibqa' prijorità u l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali se tkompli tnaqqas l-emissjonijiet minn setturi industrijali ewlenin. Il-kisba tal-miri stabbiliti fil-Pjan Direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport se twassal ukoll għal mobbiltà aktar sostenibbli fl-Unjoni, u b'hekk jiġi indirizzat sors ewlieni ta' storbju u tat-tniġġis tal-arja lokali.

49. Id-dejta disponibbli dwar il-medja fuq tul ta' żmien turi li 65 % tal-Ewropej li jgħixu f'żoni urbani ewlenin huma esposti għal livelli għoljin ta' storbju ([1]), u 'l fuq minn 20 % għal livelli tal-istorbju bil-lejl meta spiss jirriżultaw effetti negattivi fuq is-saħħa.

50. Il-leġiżlazzjoni orizzontali dwar is-sustanzi kimiċi (REACH ([2]) u r-Regolamenti dwar il-Klassifikazzjoni, it-Tikkettar u l-Imballaġġ ([3])) kif ukoll il-leġiżlazzjoni dwar prodotti bijoċidali ([4]) u prodotti li jipproteġu l-pjanti ([5]) tipprovdi protezzjoni referenzjali għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, tiżgura stabbiltà u prevedibbiltà għall-operaturi ekonomiċi u tippromwovi l-adozzjoni ta' metodi emerġenti li ma jinvolvux l-ittestjar fuq l-annimali. Madankollu, għad hemm inċertezza dwar l-impatti sħaħ, fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent, tal-effetti kkombinati ta' sustanzi kimiċi differenti (taħlitiet), minn nanomaterjali, minn sustanzi kimiċi li jfixklu s-sistema endrokrinali (ormoni) u sustanzi kimiċi fi prodotti. Ir-riċerka tindika li ċerti sustanzi kimiċi għandhom proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali u li jistgħu jikkawżaw effetti negattivi fuq is-saħħa u l-ambjent, inkluż fir-rigward tal-iżvilupp tat-tfal, potenzjalment anki b'dożi baxxi ħafna, u li tali effetti jesiġu l-kunsiderazzjoni ta' azzjoni ta' prekawzjoni.

Fid-dawl ta' dan, għandhom jissaħħu l-isforzi biex jiġi żgurat li sal-2020 is-sustanzi kollha relevanti ta' tħassib kbir, inklużi s-sustanzi bi proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali, jitpoġġew fuq il-lista ta' kandidati tar-REACH. Teżisti l-ħtieġa ta' azzjoni biex jiġu indirizzati tali sfidi, speċjalment jekk l-Unjoni għandha tilħaq il-mira miftiehma fis-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li sar fl-2002, affermata mill-ġdid f'Rio+20, u aċċettata wkoll bħala l-objettiv tal-Approċċ Strateġiku għall-Ġestjoni Internazzjonali tas-Sustanzi Kimiċi, jiġifieri li tkun żgurata "il-minimizzazzjoi tal-effetti negattivi sinifikanti" ta' sustanzi kimiċi fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent sal-2020 u r-reazzjoni għal kwistjonijiet u sfidi ġodda u emerġenti b'mod effettiv, effiċjenti, koerenti u kkoordinat.

L-Unjoni se tiżviluppa u timplimenta aktar approċċi li jindirizzaw l-effetti kkombinati ta' sustanzi kimiċi u kwistjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza relatati mas-sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali fil-leġiżlazzjoni relevanti kollha tal-Unjoni. B'mod partikolari, l-Unjoni se tiżviluppa kriterji armonizzati bbażati fuq il-periklu għall-identifikazzjoni ta' sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali. L-Unjoni se tistabbilixxi wkoll approċċ komprensiv sabiex tkun minimizzata l-espożizzjoni għal sustanzi perikolużi, inklużi sustanzi kimiċi fil-prodotti. Is-sikurezza u l-ġestjoni sostenibbli ta' nanomaterjali u materjali bi proprjetajiet simili se jkunu żgurati, bħala parti minn approċċ komprensiv li jinvolvi l-istima u l-ġestjoni tar-riskju, l-informazzjoni u l-monitoraġġ. Jeżisti wkoll tħassib dwar l-impatti potenzjali fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem ta' materjali li fihom partiċelli ta' daqs li jaqgħu barra mill-ambitu tad-definizzjoni ta' nanomaterjali iżda li jista' jkollhom proprjetajiet simili għal nanomaterjali. Tali tħassib

([1]) "Il-livelli għoljin ta' storbju" huma definiti bħala livelli ta' storbju 'l fuq minn 55dB Lden u 50dB Lnight.
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).
([3]) Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).
([4]) Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).
([5]) Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

għandu jiġi eżaminat ulterjorment fir-reviżjoni ppjanata tal-Kummissjoni tad-definizzjoni ta' nanomaterjali fl-2014, fid-dawl tal-esperjenza u tal-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi. Flimkien, dawk l-approċċi se jżidu l-bażi tal-konoxxenza kimika u jipprovdu qafas prevedibbli li jixpruna l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet aktar sostenibbli.

51. Sadanittant, is-suq dejjem jikber għal prodotti, sustanzi kimiċi u materjali b'bażi bijoloġika jistgħu joffru vantaġġi bħal inqas emissjonijiet tal-GHG u opportunitajiet ġodda tas-suq, iżda għandha tingħata attenzjoni sabiex jiġi żgurat li ċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja ta' tali prodotti jkun sostenibbli u ma jżidx il-kompetizzjoni għall-art jew l-ilma u lanqas ma jżid il-livelli tal-emissjonijiet.

52. It-tibdil fil-klima se jkompli jaggrava l-problemi ambjentali billi jikkawża perjodi twal ta' nixfa u sħana kbira, għargħar, maltempati, nirien forestali, erożjoni tal-ħamrija u kostali, kif ukoll forom ġodda jew aktar virulenti ta' mard tal-bnedmin, tal-annimali jew tal-pjanti. Għandha tittieħed azzjoni ddedikata sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tkun ippreparata b'mod adegwat biex taffronta l-pressjonijiet u l-bidliet li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima, u biex tissaħħaħ ir-reżistenza ambjentali, ekonomika u dik tas-soċjetà tagħha. Billi ħafna setturi huma u se jkunu dejjem aktar suġġetti għall-impatti tat-tibdil fil-klima, il-konsiderazzjonijiet ta' adattament u ta' ġestjoni tar-riskju tad-diżastru għandhom ikunu integrati aktar fil-politiki tal-Unjoni.

53. Barra minn hekk, il-miżuri biex tissaħħaħ ir-reżistenza ekoloġika u dik għall-klima, bħar-restawr tal-ekosistemi u l-infrastruttura ekoloġika, jistgħu jkollhom benefiċċji soċjoekonomiċi importanti, inkluż dak għas-saħħa pubblika. Is-sinerġiji u l-kompromessi potenzjali bejn l-għanijiet relatati mal-klima u dawk ambjentali oħra, bħall-kwalità tal-arja, jesiġu li jkunu mmaniġġati b'mod adegwat. Pereżempju, tibdil lejn ċerti fjuwils b'emissjonijiet iktar baxxi ta' karbonju b'reazzjoni għal kunsiderazzjonijiet relatati mal-klima jew dwar is-sigurtà tal-provvista jista' jwassal għal żidiet sostanzjali fl-emissjonijiet ta' materja partikulata u l-emissjonijiet perikolużi, speċjalment fl-assenza ta' teknoloġiji li jnaqqsu l-intensità tal-enerġija.

54. Sabiex jitħarsu iċ-ċittadini tal-Unjoni minn pressjonijiet u minn riskji għas-saħħa u l-benesseri relatati mal-ambjent, is-Seba' EAP għandu jiżgura li sal-2020:

(a) il-kwalità tal-arja ta' barra fl-Unjoni tkun tjiebet b'mod konsiderevoli billi tersaq iktar qrib il-livelli rakkomandati mid-WHO, filwaqt li l-kwalità tal-arja ta' ġewwa tkun tjiebet, bl-informazzjoni tal-linji gwida relevanti tad-WHO;

(b) it-tniġġis mill-istorbju fl-Unjoni jkun naqas b'mod sinifikanti billi jersaq qrib il-livelli rakkomandati mid-WHO.

(c) iċ-ċittadini madwar l-Unjoni jibbenefikaw minn standards għoljin għal ilma sikur għax-xorb u għall-għawm.

(d) l-effetti kkombinati ta' sustanzi kimiċi u kwistjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza relatati ma' sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali jkunu indirizzati b'mod effettiv fil-leġiżlazzjoni kollha rilevanti tal-Unjoni, u r-riskji għall-ambjent u għas-saħħa, b'mod partikolari fir-rigward tat-tfal, assoċjati mal-użu ta' sustanzi perikolużi, inklużi sustanzi kimiċi fi prodotti, ikunu vvalutati u minimizzati. Se jiġu identifikati azzjonijiet fit-tul bil-għan li jintlaħaq l-objettiv ta' ambjent mhux tossiku;

(e) l-użu ta' prodotti ta' protezzjoni għall-pjanti ma jkollu l-ebda effett dannuż fuq is-saħħa tal-bniedem u lanqas effett inaċċettabbli fuq l-ambjent, u tali prodotti jintużaw b'mod sostenibbli;

(f) tħassib dwar is-sikurezza relatat man-nanomaterjali u l-materjali bi proprjetajiet simili jiġi effettivament indirizzat bħala parti minn approċċ koerenti fil-leġiżlazzjoni;

(g) isir progress deċiżiv fl-adattament għall-impatt tat-tibdil fil-klima.

Dan jesiġi, b'mod partikolari:

(i) l-implimentazzjoni ta' politika aġġornata tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-arja, allinjata mal-aħħar konoxxenza xjentifika, u l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri kontra t-tniġġis tal-arja mis-sors filwaqt li jiġu kkunsidrati d-differenzi bejn is-sorsi tat-tniġġis ta' arja ta' ġewwa u ta' barra;

(ii) l-implimentazzjoni tal-politika aġġornata tal-Unjoni dwar l-istorbju allinjata mal-aħħar konoxxenza xjentifika, u ma' miżuri biex jitnaqqas l-istorbju mis-sors, u bl-inklużjoni ta' titjib fid-disinn tal-ibliet;

(iii) spinta lill-isforzi biex tiġi implimentata d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, id-Direttiva dwar l-Ilma għall-Għawm [1] u d-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb [2], partikolarment għall-fornituri ż-żgħar tal-ilma tax-xorb;

(iv) it-tkomplija tal-implimentazzjoni tar-REACH sabiex jiġi żgurat livell għoli għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent kif ukoll iċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' sustanzi kimiċi fi ħdan is-suq intern filwaqt li jissaħħu l-kompetizzjoni u l-innovazzjoni, filwaqt li ma jintesewx il-ħtiġijiet tal-SMEs. L-iżvilupp sal-2018 ta' Strateġija tal-Unjoni għal ambjent mhux tossiku li twassal għall-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' sostituti sostenibbli, inklużi soluzzjonijiet mhux kimiċi, li jibnu fuq miżuri orizzontali li għandhom jittieħdu sal-2015 biex jiżguraw: (1) is-sikurezza ta' nanomaterjali manifatturati u materjali bi proprjetajiet simili;(2) il-minimizzazzjoni tal-espożizzjoni

(1) Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta' Frar 2006 dwar l-immaniġġar tal-kwalità tal-ilma għall-għawm u li tħassar id-Direttiva 76/160/KEE (ĠU L 64, 4.3.2006, p. 37).

(2) Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32).

għal sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali; (3) approċċi regolatorji adegwati biex jindirizzaw l-effetti kombinati ta' sustanzi kimiċi u (4) il-minimizzazzjoni tal-espożizzjoni għal sustanzi kimiċi fil-prodotti, inkluż fost l-oħrajn prodotti importati, bil-għan li jkunu promossi ċikli ta' materjali mhux tossiċi u li titnaqqas l-espożizzjoni ġewwa l-binjiet għal sustanzi ta' ħsara.

(v) il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-leġiżazzjoni tal-Unjoni dwar l-użu sostenibbli ta' prodotti bijoċidali u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u r-reviżjoni tagħha, fejn meħtieġ, biex tinżamm aġġornata ma' konoxxenza xjentifika l-aktar reċenti;

(vi) ftehim dwar u implimentazzjoni ta' strateġija tal-UE dwar l-adattament għall-bidliet fil-klima, inkluża l-integrazzjoni ta' konsiderazzjonijiet dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastru fl-inizjattivi ta' politika u fis-setturi ewlenin tal-Unjoni.

QAFAS TA' APPOĠĠ

55. Biex jinkisbu l-għanijiet tematiċi prijoritarji msemmija hawn fuq jinħtieġ qafas ta' appoġġ għal azzjoni effettiva. Se jittieħdu miżuri li jtejbu l-erba' pilastri ewlenin ta' dan il-qafas ta' appoġġ: tijib fil-mod kif il-liġijiet ambjentali tal-Unjoni jkunu implimentati fl-oqsma kollha; tisħiħ tal-bażi ta' konoxxenza u evidenza xjentifiċi għall-politika ambjentali; l-assigurazzjoni tal-investimenti u l-ħolqien ta' inċentivi meħtieġa biex jiġi protett l-ambjent; u fl-aħħar, titjib tal-integrazzjoni ambjentali u l-koerenza tal-politika kemm fil-qasam tal-politika ambjentali u bejn il-politika ambjentali u politiki oħra. Dawk il-miżuri orizzontali se jiffavorixxu l-politika ambjentali tal-Unjoni lil hinn mill-ambitu u t-terminu ta' żmien tas-Seba' EAP.

**Għan prijoritarju 4: Jiġu massimizzati l-benefiċċji ta' leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni billi tittejjeb l-implimentazzjoni**

56. Barra mill-vantaġġi sinifikanti għas-saħħa u l-ambjent, il-benefiċċji mill-fatt li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni tkun effettivement implimentata huma: il-ħolqien ta' kundizzjonijiet indaqs għall-atturi ekonomiċi li joperaw fis-Suq Intern, li tiġi stimolata l-innovazzjoni, u li jiġu promossi l-vantaġġi għall-kumpaniji Ewropej li jidħlu l-ewwel fis-suq f'bosta setturi. B'kuntrast ma' dan, l-ispejjeż assoċjati man-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni, huma għoljin u ġeneralment stmati għal madwar EUR 50 biljun fis-sena, inklużi spejjeż relatati ma' każijiet ta' ksur ([1]). Fl-2009 biss kien hemm 451 każ ta' ksur relatati mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, b'299 oħra rappurtati fl-2011, flimkien ma' 114-il proċedura li nbdew ([2]), biex l-*acquis* dwar l-ambjent sar il-qasam tal-liġi tal-Unjoni li l-iżjed jara proċedimenti ta' ksur. Il-Kummissjoni tirċievi wkoll bosta lmenti direttament miċ-ċittadini tal-Unjoni, li ħafna minnhom jistgħu jiġu indirizzati aħjar fil-livell tal-Istati Membri jew fil-livell lokali.

57. It-titjib tal-implimentazzjoni tal-*acquis* ambjentali tal-Unjoni fil-livell tal-Istati Membri għalhekk se jingħata l-ogħla prijorità fis-snin li ġejjin. Hemm differenzi sinifikanti fl-implimentazzjoni bejn u fi ħdan l-Istati Membri. Jeħtieġ li dawk involuti fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali fil-livell tal-Unjoni, fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali jkollhom il-konoxxenza, l-għodod u l-ħila biex itejbu l-għoti tal-benefiċċji minn din il-leġiżlazzjoni, u jtejbu l-governanza tal-proċess ta' infurzar.

58. L-għadd kbir ta' każijiet ta' ksur, ilmenti u petizzjonijiet fil-qasam tal-ambjent juri l-ħtieġa ta' sistema, effettiva u li taħdem, ta' kontrolli u verifiki fil-livell nazzjonali biex jgħinu fl-identifikazzjoni ta' problemi ta' implimentazzjoni u biex dawn jiġu solvuti, flimkien ma' miżuri li jevitaw li dawn fil-fatt jinqalgħu, bħal konnessjoni bejn l-amministrazzjonijiet rilevanti responsabbli għall-implimentazzjoni u l-esperti matul il-fażi tal-iżvilupp tal-politika. F'dan ir-rigward, l-isforzi għall-perjodu sal-2020 se jiffukaw biex it-titjib jinkiseb f'erba' oqsma ewlenin.

59. L-ewwel nett, il-mod tal-ġbir u d-disseminazzjoni tal-konoxxenza dwar l-implimentazzjoni se jittejjeb biex jgħin lill-pubbliku ġenerali u l-professjonisti ambjentali jifhmu bis-sħiħ l-iskop u l-benefiċċju tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni u kif l-amministrazzjonijiet nazzjonali u lokali jdaħħlu fis-seħħ l-impenji tal-Unjoni ([3]). L-użu adegwat ta' għodod disponibbli onlajn jista' jikkontribwixxi għal dan il-għan. L-isfidi tal-implimentazzjoni speċifiċi għal Stat Membru individwali se jkunu identifikati għall-assistenza, b'mod simili għall-approċċ imfassal li ġie segwit fil-proċess tas-Semestru Ewropew. Pereżempju, il-ftehimiet ta' sħubija għall-implimentazzjoni li jinvolvu l-Kummissjoni u l-Istati Membri individwali se jitfasslu, billi jiġu indirizzati kwistjonijiet bħal mnejn jista' jinsab appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni u bħal sistemi ta' informazzjoni aħjar biex il-progress jiġi segwit. Bil-ħsieb li tiġi massimizzata l-effettività ta' dan l-approċċ, l-Istati Membri għandhom, kif inhu xieraq u f'konformità mal-arranġamenti amministrattivi tagħhom, jinkuraġġixxu parteċipazzjoni mill-awtoritajiet lokali u reġjonali. Il-Pjattaforma Teknika ta' Kooperazzjoni dwar l-Ambjent stabbilita mill-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kummissjoni se tiffaċilita d-djalogu u l-iskambju tal-informazzjoni sabiex titjieb l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni f'livell lokali.

([1]) L-ispejjeż minħabba n-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-*acquis* dwar l-ambjent (COWI, 2011).
([2]) Id-29 Rapport Annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE (2011) (COM(2012) 714).
([3]) COM(2012) 95.

60. It-tieni, l-Unjoni se testendi r-rekwiżiti relatati mal-ispezzjonijiet u s-sorveljanza għal ġabra usa' ta' liġi ambjentali tal-Unjoni, u tiżviluppa ulterjorment il-kapaċità ta' appoġġ għall-ispezzjoni fil-livell tal-Unjoni, bl-użu ta' strutturi eżistenti, inter alia bħala reazzjoni għal talbiet mill-Istati Membri għall-assistenza, biex tindirizza sitwazzjonijiet fejn hemm raġuni valida għal tħassib u tiffaċilita kooperazzjoni fl-Unjoni kollha. Evalwazzjoni msaħħa bejn il-pari u l-iskambju tal-aħjar prattiki, kif ukoll arranġamenti għal ispezzjonijiet konġunti fi ħdan l-Istati Membri fuq talba tagħhom, għandhom jiġu inkuraġġiti.

61. It-tielet, se jittejjeb il-mod li bih l-ilmenti dwar l-implimentazzjoni tal-liġi ambjentali tal-Unjoni ikunu mmaniġġati u rrimedjati fil-livell nazzjonali fejn meħtieġ.

62. Ir-raba', iċ-ċittadini tal-Unjoni se jkollhom aċċess effettiv għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali kif ukoll protezzjoni legali effettiva, f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus u mal-iżviluppi li rriżultaw mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u mill-każistika reċenti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Riżoluzzjoni mhux ġudizzjarja ta' disputi se tkun promossa wkoll bħala alternattiva għal-litigazzjoni.

63. L-istandard ġenerali ta' governanza ambjentali fl-Unjoni kollha kemm hi se jittejjeb aktar permezz tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni, kif ukoll fil-livell internazzjonali, bejn il-professjonisti li jaħdmu fil-protezzjoni ambjentali, inklużi l-avukati tal-gvern, prosekuturi, ombudsmen, imħallfin u spetturi, bħan-Netwerk tal-Unjoni Ewropea għall-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Liġi Ambjentali (IMPEL), u billi tali professjonisti jiġu mħeġġa jaqsmu l-prattiki tajbin.

64. Minbarra li tgħin l-Istati Membri jtejbu l-konformità ([1]), il-Kummissjoni se tkompli tagħmel il-parti tagħha sabiex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni tirrifletti l-aħħar xjenza, filwaqt li tikkunsidra l-esperjenzi fil-livell tal-Istati Membri firrigward tal-implimentazzjoni tal-impenji tal-Unjoni, u tkun koerenti u addattata biex tilħaq l-iskop tagħha. Bħala regola ġenerali, fejn l-obbligi legali li huma ċari u preċiżi biżżejjed u fejn applikazzjoni armonizzata fl-Istati Membri kollha titqies bħala l-mod l-aktar effettiv biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni, dawk l-obbligi legali se jiġu inkorporati fir-regolamenti, li għandhom effetti diretti u kalkolabbli u li jwasslu għal inqas inkonsistenzi fl-implimentazzjoni. Il-Kummissjoni se żżid l-użu ta' tabelli ta' valutazzjoni u mezzi oħrajn ta' traċċar pubbliku tal-progress tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjonijiet speċifiċi.

65. Sabiex jiġu massimizzati l-benefiċċji tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni permezz ta' implimentazzjoni aħjar, is-Seba EAP għandu jiżgura li sal-2020:

(a) il-pubbliku jkollu aċċess għal tagħrif ċar li juri kif qed tiġi implimentata l-liġi ambjentali tal-Unjoni;

(b) tiżdied il-konformità ma' leġiżlazzjoni ambjentali speċifika;

(c) il-liġi ambjentali tal-Unjoni tiġi infurzata fil-livelli amministrattivi kollha u jkunu ggarantiti kundizzjonijiet indaqs fis-suq intern;

(d) tissaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini fil-liġi ambjentali tal-Unjoni u fl-infurzar tagħha;

(e) il-prinċipju ta' protezzjoni legali effettiva għaċ-ċittadini u għall-organizzazzjonijiet tagħhom jiġi ffaċilitat.

Dan jesiġi, b'mod partikolari:

(i) li jiġi żgurat li sistemi fil-livell nazzjonali attivament ixerrdu l-informazzjoni dwar kif qed tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, u tali informazzjoni tiġi komplementata minn ħarsa ġenerali fil-livell tal-Unjoni tal-prestazzjoni tal-Istati Membri individwali;

(ii) li jitfasslu ftehimiet ta' sħubija għall-implimentazzjoni fuq bażi volontarja bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, li jinvolvu l-parteċipazzjoni lokali u reġjonali, fejn ikun xieraq;

(iii) li jiġu estiżi l-kriterji vinkolanti għall-ispezzjonijiet u għas-sorveljanza effettivi tal-Istati Membri għall-ġabra usa' tal-liġi ambjentali tal-Unjoni, u li tiġi żviluppata ulterjorment il-kapaċità ta' appoġġ għall-ispezzjoni fil-livell tal-Unjoni, abbażi ta' strutturi eżistenti, sostnuta minn appoġġ lil netwerks ta' professjonisti bħal IMPEL, u t-tisħiħ tal-evalwazzjoni bejn il-pari u skambju tal-aħjar prattiki, bil-ħsieb li jiżdiedu l-effiċjenza u l-effettività tal-ispezzjonijiet;

(iv) li jiġu żgurati mekkaniżmi konsistenti u effettivi fil-livell nazzjonali biex jiġu ttrattati lmenti dwar l-implimentazzjoni tal-liġi ambjentali tal-Unjoni.

([1]) COM(2008) 773.

(v) li jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-aċċess għall-ġustizzja jirriflettu l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Tkun promossa r-riżoluzzjoni mhux ġudizzjarja ta' disputi bħala mezz biex jinstabu soluzzjonijiet amikevoli u effettivi għal kunflitti fil-qasam ambjentali.

**Għan prijoritarju 5: Tittejjeb il-bażi ta' konoxxenza u evidenza għall-politika ambjentali tal-Unjoni**

66. Il-politika ambjentali tal-Unjoni hija bbażata fuq il-monitoraġġ, id-dejta, l-indikaturi u l-valutazzjonijiet ambjentali marbuta mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, kif ukoll mar-riċerka xjentifika formali u ma' inizjattivi tax-"xjenza taċ-ċittadini". Kien hemm progress konsiderevoli fit-tisħiħ ta' din il-bażi ta' konoxxenza, fis-sensibilizzazzjoni u fit-titjib tal-fiduċja ta' dawk li jfasslu l-politika u tal-pubbliku fl-evidenza li tkun fil-bażi tal-politika, inklużi l-politiki fejn il-prinċipju ta' prekawzjoni jkun ġie applikat. Dan iffaċilita fehim aħjar tal-isfidi kumplessi, ambjentali u tas-soċjetà.

67. Jittieħdu passi fil-livell tal-Unjoni u dak internazzjonali biex tkompli tissaħħaħ ir-relazzjoni bejn ix-xjenza u l-politika għall-ambjent kif ukoll l-involviment taċ-ċittadin, bħal permezz tal-ħatra ta' Konsulenti Xjentifiċi Ewlenin, kif diġà sar mill-Kummissjoni u minn xi Stati Membri, jew billi jsir użu aħjar tal-istituzzjonijiet u l-korpi li jispeċjalizzaw fl-adattament tal-konoxxenza xjentifika għall-politika pubblika, bħal aġenziji nazzjonali dwar l-ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, kif ukoll in-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u għall-Osservazzjoni tal-Ambjent (EIONET).

68. Madankollu, il-pass tal-iżviluppi attwali u l-inċertezzi dwar ix-xejriet futuri probabbli jesiġu passi ulterjuri sabiex tinżamm u tissaħħaħ din il-bażi ta' konoxxenza u evidenza sabiex tiżgura li l-politika fl-Unjoni tkompli tibbaża ruħha fuq fehim sod tal-istat tal-ambjent, l-alternattivi possibbli ta' reazzjoni u l-konsegwenzi tagħhom.

69. Matul l-aħħar għexieren ta' snin, kien hemm titjib fil-mod kif tinġabar u tintuża l-informazzjoni u l-istatistika ambjentali, fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali, fil-livell reġjonali u lokali, kif ukoll globalment. Madankollu, il-ġbir u l-kwalità tad-dejta jibqgħu varjabbli u l-multipliċita' ta' sorsi jistgħu jagħmlu l-aċċess għal tali dejta diffiċli. Huwa għalhekk meħtieġ investiment kontinwu sabiex ikun żgurat li dejta u indikaturi kredibbli, komparabbli u assigurati mil-lat tal-kwalità jkunu disponibbli u aċċessibbli għal dawk involuti fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika. Sistemi ta' informazzjoni ambjentali jridu jkunu ddisinjati sabiex jippermettu li tkun inkorporata faċilment informazzjoni ġdida dwar temi emerġenti. Għandu jiġi żviluppat aktar skambju ta' dejta elettronika fl-Unjoni kollha, bi flessibbiltà li tippermetti l-inklużjoni ta' oqsma ġodda.

70. L-implimentazzjoni ulterjuri tal-prinċipju tas-Sistema Komuni ta' Informazzjoni Ambjentali ([1]) ta' "ipproduċi darba, uża ta' spiss" u l-approċċi u l-istandards komuni dwar l-akkwist u l-ġbir tal-informazzjoni spazjali bis-sistemi INSPIRE ([2]) u Copernicus ([3]), kif ukoll sistemi oħra ta' informazzjoni ambjentali għall-Ewropa (bħalma huma s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Bijodiversita' għall-Ewropa (BISE) u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa (WISE)), se jgħinu biex tiġi evitata r-ripetizzjoni tal-isforzi u jiġi eliminat kwalunkwe piż amministrattiv mhux neċċessarju fuq l-awtoritajiet pubbliċi, kif se jagħmlu wkoll l-isforzi biex jiġu razzjonalizzati l-obbligi ta' rapportar skont il-leġiżlazzjonijiet differenti rilevanti. Għandu jsir ukoll progress biex titjieb id-disponibbiltà u l-armonizzazzjoni ta' dejta statistika, inkluż dwar l-iskart. L-informazzjoni miġbura biex jiġu vvalutati l-impatti ambjentali ta' pjanijiet, programmi u proġetti strateġiċi (eż. permezz ta' Stimi tal-Impatt Ambjentali jew Stimi Strateġiċi tal-Impatt) għandha tkun iktar aċċessibbli għall-pubbliku min-naħa tal-Istati Membri.

71. Għad hemm lakuni sinifikanti fil-konoxxenza, uħud minnhom rilevanti għall-għanijiet prijoritarji ta-Seba' EAP. L-investiment f'aktar ġbir tad-dejta u fir-riċerka biex jiġu indirizzati dawk il-lakuni huwa għalhekk essenzjali biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet pubbliċi u n-negozji jkollhom bażi soda li fuqha jittieħdu d-deċiżjonijiet li jirriflettu bis-sħiħ l-benefiċċji u l-prezz soċjali, ekonomiku u ambjentali. Ħames lakuni jixirqilhom attenzjoni partikolari:

(1) lakuni fid-dejta u l-konoxxenza — riċerka avvanzata hija meħtieġa biex jiġu indirizzati dawn il-lakuni u għodod ta' mmudellar adegwati huma meħtieġa biex jiġu mifhuma aktar kwistjonijiet kumplessi marbuta mat-tibdil ambjentali, bħall-impatti tat-tibdil fil-klima u d-diżastri naturali, l-implikazzjonijiet tat-telf tal-ispeċijiet għas-servizzi tal-ekosistemi, il-limiti ambjentali u punti ekoloġiċi kritiċi. Filwaqt li l-evidenza disponibbli tiġġustifika bis-sħiħ azzjoni ta' prekawzjoni f'tali oqsma, aktar riċerka dwar il-limiti tal-pjaneta, riskji sistemiċi u l-ħila tas-soċjetà tagħna li taffrontahom se tappoġġa l-iżvilupp tal-aktar reazzjonijiet xierqa. Dan għandu jinkludi investiment fl-indirizzar ta' lakuni fid-dejta u l-konoxxenza, fl-immappjar u l-valutazzjoni tas-servizzi tal-ekosistemi, fil-fehim tar-rwol tal-bijodiversità meta jkunu msejsa fuqhom tali servizzi kif ukoll fil-fehim dwar il-mod li bih il-bijodiversità tadatta għat-tibdil fil-klima u kif it-telf tal-bijodiversità jaffettwa s-saħħa tal-bniedem;

([1]) COM(2008) 46.
([2]) Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE), (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).
([3]) Regolament (UE) Nru 911/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 22 ta' Settembru 2010 dwar il-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (2011-2013) (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 1) u COM(2013) 312 dwar proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm Copernicus u jħassar ir-Regolament (UE) Nru 911/2010.

(2) it-tranżizzjoni għal ekonomija ekoloġika inklussiva li tagħti kunsiderazzjoni xierqa lill-interazzjoni bejn fatturi soċjoekonomiċi u ambjentali. Titjib fil-fehim tagħna tax-xejriet sostenibbli ta' konsum u ta' produzzjoni, ta' kif l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' azzjoni jew l-ispejjeż ta' nuqqas ta' azzjoni jistgħu jitqiesu b'mod aktar preċiż, ta' kif il-bidliet fl-imġiba tal-individwu u tas-soċjetà jikkontribwixxu għal eżiti ambjentali partikolari u ta' kif l-ambjent tal-Ewropa huwa affettwat minn tendenzi kumplessivi globali jista' jgħin biex l-inizjattivi ta' politika jkunu indirizzati aktar lejn it-titjib fl-effiċjenza tar-riżorsi u biex tittaffa l-pressjoni fuq l-ambjent;

(3) għad hemm inċertezzi dwar l-implikazzjonijiet għas-saħħa tal-bniedem u dawk ambjentali ta' sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali, l-effetti kumbinati ta' sustanzi kimiċi, ċerti sustanzi kimiċi fi prodotti u f'ċerti nanomaterjali. L-indirizzar ta' dawn il-lakuni li fadal fil-konoxxenza jista' jħaffef it-teħid tad-deċiżjonijiet u jippermetti żvilupp aktar tal-*acquis* dwar is-sustanzi kimiċi sabiex ikunu mmirati aħjar l-oqsma ta' tħassib, u jgħin ukoll biex jkun stimolat approċċ aktar sostenibbli fl-użu ta' sustanzi kimiċi. Għandha tiġi kkunsidrata bażi tad-dejta tal-Unjoni kollha, sabiex tiżdied it-trasparenza u l-kontroll regolatorju tan-nonomaterjali. Permezz ta' fehim imtejjeb tal-fatturi ambjentali u tal-livelli ta' espożizzjoni li jaffettwaw is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, ikun possibbli li jittieħdu azzjonijiet ta' politika preventiva. Il-bijomonitoraġġ ambjentali mmirat, meta ġustifikat minn tħassib speċifiku, jista' jipprovdi lill-awtoritajiet b'idea aktar komprensiva tal-espożizzjoni attwali tal-popolazzjoni għat-tniġġis, speċjalment ta' gruppi sensittivi tal-popolazzjoni bħat-tfal, u jista' jipprovdi evidenza aħjar biex jiggwida reazzjonijiet xierqa;

(4) sabiex jiġi żviluppat approċċ komprensiv biex tiġi minimizzata l-espożizzjoni għal sustanzi perikolużi, b'mod partikolari għal gruppi vulnerabbli, inklużi tfal u nisa tqal, għandha tiġi stabbilita bażi ta' konoxxenza dwar l-espożizzjoni u t-tossiċità tas-sustanzi kimiċi. Dan, flimkien mal-iżvilupp ta' dokumentazzjoni gwida dwar metodi ta' testijiet u ta' metodoloġija ta' stima tar-riskju, jaċċelera t-teħid ta' deċiżjonijiet effiċjenti u xierqa, b'hekk iwassal għall-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' sostituti sostenibbli inklużi soluzzjonijiet li ma fihomx sustanzi kimiċi;

(5) ikun żgurat li s-setturi kollha jikkontribwixxu għall-isforzi biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima jesiġi ħarsa ġenerali ċara tal-kejl, tal-monitoraġġ u tal-ġbir tad-dejta tal-GHG, li bħalissa mhijiex kompluta għal setturi ewlenin.

L-Orizzont 2020 se jipprovdi l-opportunità li jkunu ffukati l-isforzi ta' riċerka u li jkun implimentat il-potenzjal tal-innovazzjoni tal-Ewropa billi jinġabru flimkien ir-riżorsi u l-konoxxenza fir-rigward tal-oqsma u d-dixxiplini differenti fi ħdan l-Unjoni kif ukoll internazzjonalment.

72. Kwistjonijiet ġodda u emerġenti li jirriżultaw minn żviluppi teknoloġiċi aktar mgħaġġla minn dawk tal-politika, bħan-nanomaterjali u materjali bi proprjetajiet simili, sorsi mhux konvenzjonali tal-enerġija, il-qbid u l-ħżin tal-karbonju u l-mewġ elettromanjetiku, joħolqu sfidi għall-ġestjoni tar-riskju u jistgħu jagħtu lok għal interessi, ħtiġijiet u aspettattivi kunfliġġenti. Dan imbagħad jista' jwassal għal tħassib pubbliku akbar u ostilità lejn teknoloġiji ġodda. Għalhekk teżisti l-ħtieġa li jiġi żgurat dibattitu tas-soċjetà, espliċitu u usa' dwar ir-riskji ambjentali u l-kompromessi possibbli li aħna lesti li naċċettaw fid-dawl ta' informazzjoni li ġieli ma tkunx kompluta jew tkun inċerta, dwar riskji emerġenti u kif dawn għandhom jiġu indirizzati. Approċċ sistematiku għall-ġestjoni tar-riskju ambjentali se jtejjeb il-ħila tal-Unjoni li tiddentifika u taġixxi fuq l-iżviluppi teknoloġiċi f'waqthom, filwaqt li sserraħ ras il-pubbliku.

73. Sabiex titjieb il-bażi ta' konoxxenza u ta' evidenza għall-politika ambjentali tal-Unjoni, is-Seba' EAP għandu jiżgura li sal-2020:

(a) dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet interessati jkollhom bażi aktar informata biex jiżviluppaw u jimplimentaw il-politiki ambjentali u dwar il-klima, inkluż li jifhmu l-impatti ambjentali tal-attivitajiet tal-bniedem u l-kejl tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-azzjoni u tal-ispejjeż tan-nuqqas ta' azzjoni;

(b) il-fehim ta' riskji emerġenti għall-ambjent u għall-klima u l-kapaċità tagħna li nivvalutawhom u nimmaniġjawhom jitjiebu ferm;

(c) ir-relazzjoni bejn il-politika ambjentali u x-xjenza tkun imsaħħa, inkluż bl-aċċessibbiltà ta' dejta għaċ-ċittadini u l-kontribut taċ-ċittadini fir-riċerka xjentifika;

(d) l-impatt tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fil-fora internazzjonali tal-politika tax-xjenza hi msaħħa sabiex ittejjeb il-bażi tal-konoxxenza dwar il-politika ambjentali internazzjonali.

Dan jesiġi, b'mod partikolari:

(i) koordinazzjoni, kondiviżjoni u promozzjoni tal-isforzi ta' riċerka fil-livelli tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-indirizzar ta' lakuni ewlenin fil-konoxxenza ambjentali, inklużi li jinqabżu r-riskji ta' punti irriversibbli mil-lat ambjentali u tal-limiti planetarji;

(ii) adozzjoni ta' approċċ sistematiku u integrat għall-ġestjoni tar-riskju, partikolarment fir-rigward tal-evalwazzjoni u l-ġestjoni ta' oqsma ta' politika ġodda u emerġenti u riskji relatati kif ukoll l-adegwatezza u l-koerenza tar-reazzjonijiet regolatorji. Dan jista jgħin biex tiġi stimulata aktar riċerka dwar il-perikli ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda;

(iii) semplifikazzjoni, razzjonalizzazzjoni u mmodernizzar tal-ġbir, tal-ġestjoni u tal-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid tad-dejta u l-informazzjoni ambjentali u dwar it-tibdil fil-klima — inklużi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' Sistema Komuni ta' Informazzjoni Ambjentali;

(iv) l-iżvilupp ta' bażi ta' konoxxenza komprensiva dwar l-espożizzjoni għas-sustanzi kimiċi u t-tossiċità tagħhom li sserraħ fuq dejta ġenerata mingħajr testijiet fuq l-annimali fejn possibbli. It-tkomplija tal-approċċ koordinat tal-Unjoni għall-bijomonitoraġġ tal-bniedem u ambjentali inkluż, fejn xieraq, standardizzazzjoni tal-protokolli ta' riċerka u tal-kriterji ta' stima;

(v) l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni fil-livelli internazzjonali, tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-relazzjoni bejn ix-xjenza u l-politika għall-ambjent.

**Għan prijoritarju 6: Jiġi assigurat l-investiment għall-politiki ambjentali u dwar l-klima u jiġu indirizzati l-esternalitajiet ambjentali**

74. L-isforzi meħtieġa biex jinkisbu l-għanijiet stipulati fis-Seba' EAP se jeħtieġu investiment adegwat minn sorsi pubbliċi u privati. Fl-istess ħin, filwaqt li ħafna pajjiżi qed ibatu biex ilaħħqu mal-kriżi ekonomika u finanzjarja, il-ħtieġa ta' riformi ekonomiċi u ta' tnaqqis tad-dejn pubbliku joffru opportunitajiet ġodda li jimxu malajr lejn ekonomija aktar effiċjenti fir-riżorsi, sikura u sostenibbli b'livelli baxxi tal-karbonju.

75. Li jiġi attirat l-investiment f'ċerti oqsma attwalment huwa diffiċli partikolarment minħabba n-nuqqas ta' sinjali tal-prezzijiet mis-suq, jew minħabba distorsjonijiet fis-sinjali tal-prezzijiet li jirriżultaw minn nuqqas ta' kunsiderazzjoni xierqa tal-ispejjeż ambjentali jew minn sussidji pubbliċi għal attivitajiet li jagħmlu ħsara lill-ambjent.

76. L-Unjoni u l-Istati Membri se jkollhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet adatti biex jiżguraw li esternalitajiet ambjentali jkunu indirizzati b'mod xieraq, inkluż billi jiġi żgurat li s-sinjali tas-suq adatti jintbagħtu lis-settur privat, b'kunsiderazzjoni xierqa ta' kwalunkwe impatt soċjali negattiv. Dan ikun jinvolvi l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas b'mod aktar sistematiku, b'mod partikolari permezz tal-eliminazzjoni gradwali ta' sussidji, fil-livell tal-Unjoni u tal-Istat Membru, iggwidata mill-Kummissjoni, bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq l-azzjoni, inter alia permezz tas-Semestru Ewropew, u li jikkunsidra miżuri fiskali li jappoġġaw l-użu sostenibbli tar-riżorsi bħat-trasferiment tat-tassazzjoni minn fuq ix-xogħol u għal fuq it-tniġġis. Minħabba li r-riżorsi naturali qed isiru dejjem aktar skarsi, ir-renta u l-profitti ekonomiċi assoċjati mas-sjieda tagħhom jew mal-użu esklussiv jistgħu jiżdiedu. L-intervent pubbliku biex jiżgura li tali renti ma jkunux eċċessivi u li jitiqesu l-esternalitajiet se jwassal għal użu aktar effiċjenti ta' dawn ir-riżorsi u se jgħin biex jiġu evitati distorsjonijiet fis-suq, u jiġi ġġenerat ukoll dħul pubbliku. Il-prijoritajiet ambjentali u tal-klima se jkunu indirizzati fil-qafas tas-Semestru Ewropew, inkluż permezz ta' indikaturi ewlenin fejn dawk il-prijoritajiet huma rilevanti għall-prospetti ta' tkabbir sostenibbli ta' Stati Membri individwali li għalihom huma indirizzati r-rakkomandazzjonijiet skont il-pajjiż. Strumenti oħra bbażati fuq is-suq, bħal ħlasijiet għal servizzi tal-ekosistemi, għandhom jintużaw b'mod aktar estensiv fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali biex jinċentivaw l-involviment tas-settur privat u l-ġestjoni sostenibbli tal-kapital naturali.

77. Is-settur privat, partikolarment fir-rigward tal-SMEs, għandu jitħeġġeġ ukoll biex jaħtaf l-opportunitajiet offruti fil-qafas finanzjarju l-ġdid tal-Unjoni sabiex iżidu l-involviment tiegħu fl-isforzi għall-ksib tal-għanijiet ambjentali u tal-klima, speċjalment fir-rigward ta' attivitajiet ta' ekoinnovazzjoni u tal-adozzjoni tat-teknoloġiji l-ġodda,. L-inizjattivi pubbliċi-privati għall-ekoinnovazzjoni għandhom jiġu promossi bis-Sħubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni, bħas-Sħubija għall-innovazzjoni dwar l-Ilma ([1]). Permezz tal-qafas ġdid għall-Istrumenti Finanzjarji Innovattivi ([2]), l-aċċess mis-settur privat għal finanzjament ta' investimenti fl-ambjent — partikolarment il-bijodiversità u t-tibdil fil-klima — għandu jkun iffaċilitat. L-intrapriżi Ewropej għandhom jiġu mħeġġa aktar biex jippubblikaw informazzjoni ambjentali bħala parti mir-rapportar finanzjarju tagħhom, lil hinn mil-livell meħtieġ skont il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni ([3]).

78. Fil-proposti tagħha għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 tal-Unjoni, il-Kummissjoni tjiebet l-integrazzjoni tal-għanijiet ambjentali u tal-klima fl-istrumenti ta' finanzjament kollha tal-Unjoni sabiex jiġu pprovduti opportunitajiet lill-Istati Membri biex jiksbu l-għanijiet relatati. Ipproponiet ukoll li tiżdied in-nefqa relatata mal-klima għal mill-anqas 20 % tal-baġit kollu. F'oqsma ewlenin tal-politika bħall-agrikoltura, l-iżvilupp rurali u l-politika ta' koeżjoni, l-inċentivi għall-forniment ta' prodotti u servizzi pubbliċi tajbin għall-ambjent għandhom jissaħħu, u l-fondi jkunu marbuta ma' kundizzjonalitajiet ex-ante relatati mal-ambjent, inklużi miżuri ta' appoġġ ("flanking measures"). Dan għandu jiżgura li l-fondi jintefqu b'mod aktar effettiv u bi qbil mal-objettivi relatati mal-ambjent u l-klima. Dawk il-proposti jipprevedu tqabbil tal-politiki tal-Unjoni b'riżorsi finanzjarji koerenti għall-implimentazzjoni, u fondi addizzjonali għall-ambjent u t-tibdil fil-klima, biex b'hekk dawn jwasslu benefiċċji konkreti u koerenti fil-post.

79. Minbarra din l-integrazzjoni, il-Programm LIFE ([4]) se jippermetti li l-fondi jiġu kkombinati u allinjati aħjar mal-prijoritajiet tal-' politika b'mod aktar strateġiku u kosteffettiv, bħala appoġġ għall-miżuri ambjentali u għal dawk relatati mal-klima, permezz tal-implimentazzjoni ta' firxa ta' proġetti, inklużi "proġetti integrati".

([1]) COM(2012) 216.
([2]) COM(2011) 662.
([3]) COM(2011) 681.
([4]) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Azzjoni dwar l-Ambjent u l-Klima (COM(2011) 874, 2011/0428(COD)).

80. Il-kapital miżjud ipprovdut lill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) bħala parti mill-Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi tal-2012 jipprovdi sors addizzjonali ta' investiment ([1]) li għandu jintefaq bi qbil mal-objettivi tal-Unjoni fl-oqsma tal-ambjent u tal-klima.

81. L-esperjenza miksuba fil-perjodu ta' pprogrammar tal-2007-2013 turi li għalkemm hemm fondi sinifikanti disponibbli għall-ambjent, l-utilizzazzjoni fil-livelli kollha fl-ewwel snin kienet żbilanċjata ħafna, bir-riskju potenzjali li tipperikola l-kisba tal-għanijiet u tal-miri miftiehma. Biex tiġi evitata ripetizzjoni ta' din l-esperjenza, l-Istati Membri għandhom jintegraw l-għanijiet ambjentali u tal-klima fl-istrateġiji ta' finanzjament tagħhom u fil-programmi għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-iżvilupp rurali u għall-politika marittima, għandhom jagħtu prijorità lill-utilizzazzjoni bikrija tal-finanzjament għall-ambjent u t-tibdil fil-klima u għandhom isaħħu l-kapaċità tal-korpi ta' implimentazzjoni li jwasslu investimenti kosteffettivi u sostenibbli sabiex jiżguraw l-appoġġ finanzjarju adegwat u meħtieġ għal investimenti f'dawn l-oqsma.

82. Barra minn hekk, kien diffiċli li tiġi ttraċċata n-nefqa relatata mal-bijodiversità u l-klima. Biex jiġi vvalutat il-progress lejn il-ksib ta' dawk l-għanijiet, sistema ta' traċċar u ta' rapportar għandha tkun stabbilita fil-livell tal-Unjoni u tal-Istat Membru. L-istabbiliment ta' tali sistema huwa importanti għall-isforz ġenerali tal-Unjoni relatat mal-ftehimiet multilaterali dwar it-tibdil fil-klima u l-bijodiversità. F'dan il-kuntest, l-Unjoni se tikkontribwixxi għall-proċess intergovernattiv li ġie mniedi f'Rio+20 li jivvaluta l-ħtiġijiet ta' finanzjament u jipproponi alternattivi għal strateġija effettiva ta' finanzjament tal-iżvilupp sostenibbli.

83. Għandha tkompli l-ħidma biex jiġu żviluppati indikaturi għal monitoraġġ tal-progress ekonomiku u li jikkomplementaw u jissuperaw il-prodott domestiku gross (PDG). Li jinkiseb investiment trasparenti u sostenibbli jiddipendi fuq valutazzjoni xierqa ta' prodotti ambjentali. Sforzi ulterjuri biex jitkejjel il-valur tal-ekosistemi tagħna u l-prezz tal-qerda tagħhom, flimkien ma' inċentivi korrispondenti, se jkunu meħtieġa biex jgħarrfu d-deċiżjonijiet ta' politika u investiment. Il-ħidma biex tiġi żviluppata sistema ta' kontijiet ambjentali, inklużi kontijiet fiżiċi u monetarji għall-kapital naturali u għas-servizzi tal-ekosistemi, se jeħtieġu li jiġu intensifikati. Dan jappoġġa l-eżitu ta' Rio+20, li jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' miżuri usa' ta' progress biex jitkejlu l-benesseri u s-sostenibbiltà biex jikkomplementaw il-PDG.

84. Sabiex jinkiseb investiment għall-politiki ambjentali u dwar il-klima, u biex jiġu indirizzati l-esternalitajiet ambjentali, is-Seba' EAP għandu jiżgura li sal-2020:

(a) l-għanijiet tal-politiki ambjentali u dwar il-klima jinkisbu b'mod kosteffettiv u jkunu appoġġati minn finanzjament adegwat;

(b) jiżdied il-finanzjament tas-settur pubbliku u privat għal nefqa relatata mal-ambjent u l-klima;

(c) il-valur tas-servizzi tal-kapital naturali u tal-ekosistema, kif ukoll l-ispejjeż tad-degradazzjoni tagħhom ikunu valutati sew u kkunsidrati fit-tfassil tal-politika u l-investimenti.

Dan jesiġi, b'mod partikolari:

(i) l-eliminazzjoni ta' sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent fil-livell tal-Unjoni u tal-Istat Membru mingħajr dewmien, u r-rappurtar tal-progress permezz tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma; jiżdied l-użu ta' strumenti bbażati fuq is-suq, bħall-politiki tat-tassazzjoni tal-Istati Membri, l-ipprezzar u tariffi, u l-espansjoni tas-swieq għal prodotti u servizzi ambjentali, b'konsiderazzjoni xierqa ta' kwalunkwe impatt soċjali negattiv, bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq l-azzjoni, appoġġat u sorveljat mill-Kummissjoni inter alia permezz tas-Semestru Ewropew;

(ii) l-iffaċilitar tal-iżvilupp ta' u l-aċċess għal strumenti finanzjarji innovattivi u l-finanzjament għall-ekoinnovazzjoni;

(iii) riflessjoni xierqa tal-prijoritajiet ambjentali u għall-klima f'politiki u strateġiji ta' finanzjament li jappoġġaw il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;

(iv) isiru sforzi ddedikati biex jiżguraw l-użu sħiħ u effiċjenti tal-finanzjament disponibbli tal-Unjoni għall-azzjoni ambjentali, inkluż billi jitjieb sostanzjalment l-utilizzazzjoni bikrija tiegħu fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-Unjoni għall-2014-2020 u jiġi allokat 20 % tal-baġit għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament permezz tal-integrazzjoni tal-azzjoni klimatika u dak il-finanzjament jiġi marbut ma' benchmarking, iffissar tal-miri, monitoraġġ u rapportar ċari;

(v) l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' sistema ta' rapportar u traċċar tan-nefqa relatata mal-ambjent fil-baġit tal-Unjoni, b' mod partikolari n-nefqa fuq it-tibdil fil-klima u l-biodiversità, sal-2014;

(vi) l-integrazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet relatati mal-ambjent u l-klima fil-proċess tas-Semestru Ewropew, fejn din hija rilevanti għall-prospetti tal-Istati Membri għat-tkabbir sostenibbli u xierqa għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi skont il-pajjiż;

([1]) Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-29 ta' Ġunju 2012 (EUCO 76/12).

(vii) l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' indikaturi alternattivi li jikkomplementaw u jmorru lil hinn mill-PDG għall-monitoraġġ tas-sostenibbiltà tal-progress u l-kontinwazzjoni tal-ħidma biex jiġu integrati indikaturi ekonomiċi ma' indikaturi ambjentali u soċjali, inkluż permezz tal-kontabbiltà tal-kapital naturali;

(viii) jiġu żviluppati u inkoraġġiti aktar skemi ta' "pagamenti għall-i tas-servizzi tal-ekosistema";

(ix) isiru inċentivi u metodoloġiji li jistimulaw kumpaniji sabiex ikejlu l-ispejjeż ambjentali tan-negozji u l-profitti tagħhom li jirriżultaw mill-użu ta' servizzi ambjentali u biex jiżvelaw informazzjoni ambjentali bħala parti mir-rappurtar annwali tagħhom. Jinkoraġġixxu kumpaniji jeżerċitaw id-diliġenza dovuta, ukoll tul il-katina kollha ta' provvista tagħhom.

**Għan prijoritarju 7: Titjieb l-integrazzjoni ambjentali u l-koerenza politika**

85. Għalkemm l-integrazzjoni tat-tħassib dwar il-protezzjoni ambjentali f'politiki u attivitajiet oħrajn tal-Unjoni ilha rewiżit tat-Trattat sa mill-1997, l-istat ġenerali tal-ambjent tal-Ewropa jindika li l-progress sal-lum, filwaqt li, f'xi oqsma, huwa ta' min ifaħħru, dan ma kienx biżżejjed biex jitreġġgħu lura x-xejriet negattivi kollha. Il-kisba ta' bosta għanijiet prijoritarji tas-Seba' EAP se tesiġi integrazzjoni saħansitra aktar effettiva tal-konsiderazzjonijiet relatati mal-ambjent u l-klima f'politiki oħra, kif ukoll approċċi aktar koerenti, konġunti li jwasslu għal benefiċċji multipli. Dan għandu jgħin biex jiġi żgurat li kompromessi diffiċli jkunu mmaniġġati fi stadju bikri, minflok fil-fażi tal-implimentazzjoni, u li l-impatti inevitabbli jkunu jistgħu jiġu mnaqssa b'mod aktar effettiv. Il-miżuri meħtieġa għandhom ikunu żviluppati fil-waqt xieraq sabiex jiżguraw li l-miri rilevanti jintlaħqu. Id-Direttiva dwar l-Istima Ambjentali Strateġika ([1]) u d-Direttiva dwar l-Istima tal-Impatt Ambjentali ([2]), meta jiġu applikati kif suppost, huma għodod effettivi biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali huma integrati fi pjanijiet u programmi kif ukoll fi proġetti.

86. L-awtoritajiet lokali u reġjonali, li huma ġeneralment responsabbli għal deċiżjonijiet dwar l-użu tal-art u taż-żoni tal-baħar, għandhom rwol partikolarment importanti fl-istima tal-impatti ambjentali u l-protezzjoni, il-perservazzjoni u t-tisħiħ tal-kapital naturali, b'kekk ukoll sabiex tinkiseb reżiljenza akbar għall-impatt tat-tibdil fil-klima u għad-diżastri naturali.

87. L-espansjoni prevista tan-netwerks tat-trasport u tal-enerġija, inkluż l-infrastruttura lil hinn mill-kosta, se teħtieġ li tkun kompatibbli mal-protezzjoni tan-natura u l-ħtiġijiet u l-obbligi ta' adattament għall-klima. L-inkorporazzjoni ta' infrastruttura ekoloġika fi pjanijiet u programmi relatati jistgħu jgħinu biex tingħeleb il-frammentazzjoni tal-ħabitats u tiġi ppreservata jew restawrata l-konnettività ekoloġika, tissaħħaħ ir-reżistenza tal-ekosistemi u b'hekk jiġi żgurat forniment kontinwu tas-servizzi tal-ekosistemi, inkluż is-sekwestru tal-karbonju u l-adattament għall-klima, filwaqt li tipprovdi ambjenti aħjar u spazji ta' rikreazzjoni għan-nies.

88. Is-Seba' EAP jinkludi għadd ta' għanijiet prijoritarji mfassla biex itejbu l-integrazzjoni. Fil-proposti tagħha għall-Politika tal-Agrikola Komuni, il-Politika tas-Sajd Komuni, in-Netwerks Trans-Ewropej u r-riformi tal-politika ta' Koeżjoni, il-Kummissjoni inkludiet miżuri li jappoġġaw aktar l-integrazzjoni u s-sostenibbiltà ambjentali. Sabiex is-Seba' EAP jirnexxi, dawk il-politiki għandhom jikkontribwixxu aktar għall-ksib tal-miri u l-għanijiet relatati mal-ambjent. Bl-istess mod, l-isforzi primarjament maħsuba biex jinkiseb it-titjib ambjentali għandhom ikunu mfassla sabiex iwasslu għal benefiċċji wkoll għal politiki oħra kull meta jkun possibbli. Pereżempju, l-isforzi biex jiġu restawrati l-ekosistemi jistgħu jkunu mmirati biex jiffavorixxu l-ħabitats u l-ispeċijiet u biex jiġi sekwestrat id-dijossidu tal-karbonju, filwaqt li jittejjeb il-forniment ta' servizzi tal-ekosistemi vitali għal ħafna setturi ekonomiċi, bħall-pollinazzjoni jew il-purifikazzjoni tal-ilma għall-agrikoltura, u jinħolqu impjiegi ekoloġiċi.

89. Sabiex titjieb l-integrazzjoni ambjentali u l-koerenza tal-politika, is-Seba' EAP għandu jiżgura li sal-2020:

(a) Politiki settorjali fil-livell tal-Unjoni u tal-Istat Membru jkunu żviluppati u implimentati b'mod li jappoġġa l-miri u l-għanijiet rilevanti relatati mal-ambjent u l-klima.

Dan jesiġi, b'mod partikolari:

(i) l-integrazzjoni ta' kundizzjonalitajiet u inċentivi ambjentali u dawk relatati mal-klima f'inizjattivi ta' politika, inklużi analiżi u riformi tal-politika eżistenti, kif ukoll inizjattivi ġodda, fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri;

(ii) it-twettiq ta' stimi ex-ante tal-impatti ambjentali, soċjali u ekonomiċi ta' inizjattivi ta' politika fil-livell xieraq tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex jiġu żgurati l-koerenza u l-effettività tagħhom;

(iii) l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar l-Istima Ambjentali Strateġika u d-Direttiva dwar l-Istima tal-Impatt Ambjentali;

([1]) Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).
([2]) Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

(iv) l-użu ta' informazzjoni ta' evalwazzjoni ex-post relatata mal-esperjenza fl-implimentazzjoni tal-*acquis* ambjentali sabiex jittejbu l-konsistenza u l-koerenza tiegħu;

(v) l-indirizzar tal-kompromessi li jista' jkun hemm fil-politiki kollha sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji u jiġu evitati, imnaqqsa u, jekk jista' jkun, ikkoreġuti l-effetti negattivi mhux intenzjonati fuq l-ambjent.

NILĦQU L-ISFIDI LOKALI, REĠJONALI U GLOBALI

**Għan prijoritarju 8: Tissaħħaħ is-sostenibbiltà tal-ibliet tal-Unjoni**

90. L-Unjoni għandha densità għolja tal-popolazzjoni u sal-2020, 80 % tal-popolazzjoni tagħha x'aktarx se tgħix f'żoni urbani u periurbani. Il-kwalità tal-ħajja se tkun influwenzata direttament mill-istat tal-ambjent urban. L-impatti ambjentali tal-ibliet jinfirxu wkoll lil hinn ferm mil-limiti fiżiċi tagħhom, billi dawn jiddipendu ħafna fuq reġjuni periurbani u rurali biex jissodisfaw id-domanda għall-ikel, l-enerġija, l-ispazju u r-riżorsi, u biex jimmaniġġaw l-iskart.

91. Il-biċċa l-kbira tal-ibliet jaffrontaw sett prinċipali komuni ta' problemi ambjentali, inkluż tħassib dwar il-kwalità tal-arja, il-livelli għolja ta' storbju, il-konġestjoni tat-traffiku, l-emissjonijiet tal-GHG, it-telfien u d-degradazzjoni tal-bijodiversità, l-iskarsezza tal-ilma, l-għargħar u l-maltempati, iż-żoni ħodor dejjem jonqsu, siti kontaminati, żoni industrijali abbandunati u l-ġestjoni mhux xierqa tal-iskart u tal-enerġija. Fl-istess ħin, l-ibliet tal-Unjoni huma dawk li jistabbilixxu l-istandards fis-sostenibbiltà urbana għall-oħrajn u ta' spiss jintroduċu soluzzjonijiet innovattivi għall-isfidi ambjentali ([1]) inkluż rigward inizjattivi ta' effiċjenza fir-riżorsi u ta' ekonomija ekoloġika rilevanti għal Ewropa 2020. Għadd dejjem jiżdied ta' bliet Ewropej qed ipoġġu s-sostenibbiltà ambjentali fil-qalba ta' strateġiji ta' żvilupp urban tagħhom.

92. L-urbanizzazzjoni dejjem tikber tal-Unjoni qajmet kuxjenza dwar l-importanza tal-ambjent naturali f'żoni urbani. Il-konservazzjoni tal-bijodiversità permezz ta' azzjonijiet bħar-riintroduzzjoni tan-natura fl-ambjent urban u l-landscaping urban hija dejjem aktar evidenti. Il-prestazzjoni tal-bijodiversità tal-ibliet Ewropej teħtieġ tiġi vvalutata u mtejba. Dik il-valutazzjoni tista' tkun ibbażata fuq indiċi tal-bijodiversità urban speċifiku, bħall-indiċi ta' Singapore ippreżentat fil-Konferenza tan-NU dwar il-Bijodiversità li saret f'Nagoya fl-2010.

93. Iċ-ċittadini tal-Unjoni, kemm jekk huma urbani u kif ukoll dawk rurali, jibbenefikaw minn firxa wiesgħa ta' politiki u inizjattivi tal-Unjoni li jappoġġaw l-iżvilupp sostenibbli ta' żoni urbani. Madankollu, tali żvilupp sostenibbli jeħtieġ koordinazzjoni effettiva u effiċjenti bejn il-livelli differenti tal-amministrazzjoni u bejn il-konfini amministrattivi kif ukoll l-involviment sistematiku tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fl-ippjanar, fil-formulazzjoni u fl-iżvilupp ta' politiki li għandhom impatt fuq il-kwalità tal-ambjent urban. Il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni msaħħa fil-livelli nazzjonali u reġjonali proposti fil-Qafas Strateġiku Komuni għall-perjodu li jmiss ta' finanzjament u l-ħolqien ta' "Netwerk għall-Iżvilupp Urban" ([2]) jistgħu jgħinu sabiex dan jiġi żgurat, kif ukoll l-involviment ta' aktar gruppi ta' partijiet interessati u l-pubbliku ġenerali fid-deċiżjonijiet li jaffettwawhom. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jibbenefikaw ukoll minn żvilupp ulterjuri ta' għodda biex jirrazzjonalizzaw il-ġbir u l-ġestjoni tad-dejta ambjentali, u biex jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki, kif ukoll sforzi sabiex titjieb l-implimentazzjoni tal-liġi ambjentali fil-livell tal-Unjoni, fil-livell nazzjonali, fil-livell reġjonali u fil-livell lokali ([3]). Dan huwa skont l-impenn meħud f'Rio+20 li jiġi promoss approċċ integrat għall-ippjanar, il-bini u l-ġestjoni ta' bliet u żoni urbani sostenibbli. Approċċi integrati għall-ippjanar urban u tal-ispazju, li fihom jitqiesu bis-sħiħ il-kunsiderazzjonijiet ambjentali fit-tul flimkien mal-isfidi ekonomiċi, soċjali u territorjali, huma essenzjali biex jiġi żgurat li komunitajiet urbani jkunu sostenibbli, effiċjenti u tajbin għas-saħħa għal min jgħix u jaħdem fihom.

94. L-Unjoni għandha tkompli tippromwovi u, fejn xieraq, tespandi l-inizjattivi eżistenti li jappoġġaw l-innovazzjoni u l-aħjar prattika fl-ibliet, fin-networking u l-iskambji u biex l-ibliet jitħeġġu biex juru l-livell avvanzat tagħhom fir-rigward tal-iżvilupp urban sostenibbli ([4]). L-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw u jinkoraġġixxu l-utilizzazzjoni tal-finanzjament ta-politika ta' koeżjoni u ta' fondi oħra biex jiġu appoġġati l-ibliet fl-isforzi tagħhom li jsaħħu l-iżvilupp urban sostenibbli, joħolqu sensibilizzazzjoni u jinkoraġġixxu l-involviment tal-atturi lokali ([5]). L-iżvilupp ta', u l-ftehim dwar, sett ta' kriterji ta' sostenibbiltà għall-ibliet, ibbażat fuq konsultazzjoni mal-Istati Membri u partijiet interessati rilevanti oħra, jipprovdi bażi ta' referenza għal inizjattivi bħal dawn u jippromwovi approċċ koerenti, integrat għall-iżvilupp urban sostenibbli ([6]).

([1]) Ara, pereżempju, ir-rapport "L-Ibliet ta' Għada" (il-Kummissjoni Ewropea, 2011) u SWD(2012) 101.
([2]) COM(2011) 615.
([3]) Pereżempju s-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa (WISE), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Bijodiversità għall-Ewropa (BISE) u l-Pjattaforma Ewropea ta' Adattament għall-Klima (CLIMATE-ADAPT).
([4]) Eżempji jinkludu s-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar Bliet u Komunitajiet Intelliġenti COM(2012)4701, il-Premju tal-Belt Kapitali Ekoloġika Ewropea u l-Inizjattiva ta' Programmazzjoni Konġunta ta' riċerka Ewropa Urbana.
([5]) Il-Kummissjoni pproponiet li jiġi allokat minimu ta' 5 % tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) f'kull Stat Membru għall-finanzjament tal-iżvilupp urban sostenibbli integrat.
([6]) Dan l-approċċ għandu jislet minn inizjattivi eżistenti bħall-Aġenda Lokali 21 kif ukoll prattiki tajbin oħra

95. Sabiex tissaħħaħ is-sostenibbiltà tal-ibliet tal-Unjoni, is-Seba' EAP għandu jiżgura li sal-2020:

(a) Maġġoranza ta' bliet fl-Unjoni jkunu qed jimplimentaw politiki għall-ippjanar u d-disinn urban sostenibbli, inklużi approċċi innovattivi għat-trasport pubbliku urban u l-mobbiltà urbana, għal bini sostenibbli, għall-effiċjenza enerġetika u għall-konservazzjoni tal-bijodiversità urbana.

Dan jesiġi, b'mod partikolari:

(i) ftehim dwar sett ta' kriterji biex tiġi vvalutata l-prestazzjoni ambjentali tal-ibliet, billi jitqiesu l-impatti ekonomiċi, soċjali u territorjali;

(ii) l-iżgurar li l-ibliet ikollhom informazzjoni dwar il-finanzjament u aċċess aħjar għalih għal miżuri li jtejbu s-sostenibbiltà urbana;

(iii) il-kondiviżjoni tal-aħjar prattika bejn l-ibliet fuq il-livell tal-Unjoni u dak internazzjonali fir-rigward tal-iżvilupp urban innovattiv u sostenibbli;

(iv) fil-kuntest ta' inizjattivi u netwerks tal-Unjoni attwali, l-iżvilupp u l-promozzjoni ta' fehim komuni dwar kif jingħata kontribut għal ambjenti urbani mtejba permezz tal-enfasi fuq l-integrazzjoni tal-ippjanar urban ma' objettivi relatati mal-effiċjenza fir-riżorsi, ekonomija b'użu baxx ta' karbonju innovattiva, sikura u sostenibbli, użu tal-art urbana sostenibbli, mobbiltà urbana sostenibbli, il-ġestjoni u l-konservazzjoni tal-bijodiversità urbana, ir-reżiljenza tal-ekosistema, il-ġestjoni tal-ilma, is-saħħa tal-bniedem, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni ambjentali.

**Għan prijoritarju 9: Tiżdied l-effettività tal-Unjoni fl-indirizzar ta' sfidi ambjentali u relatati mal-klima fil-livell internazzjonali**

96. L-iżgurar tal-użu sostenibbli tar-riżorsi hu waħda mill-aktar sfidi urġenti li qed tħabbat wiċċha magħhom id-dinja tal-lum u hu ċentrali biex jinqered il-faqar u jiġi żgurat futur sostenibbli għad-dinja ([1]). F'Rio+20, il-mexxejja dinjija ġeddew l-impenn tagħhom favur l-iżvilupp sostenibbli u l-iżgurar tal-promozzjoni ta' futur ekonomikament, soċjalment u ambjentalment sostenibbli għall-pjaneta, għall-ġenerazzjonijiet tal-lum u tal-futur. Huma rrikonoxxew ukoll li l-ekonomija ekoloġika inklussiva hija għodda importanti biex jinkiseb l-iżvilupp sostenibbli. Ġie spjegat f'Rio+20 li fid-dawl ta' popolazzjoni dejjem tikber u f'dinja dejjem aktar urbanizzata, tali sfidi jeħtieġu li tittieħed azzjoni internazzjonali f'numru ta' oqsma, bħall-ilma, l-oċeani, l-art u l-ekosistemi sostenibbli, l-effiċjenza fir-riżorsi (b'mod partikolari l-iskart), il-ġestjoni tajba ta' sustanzi kimiċi, l-enerġija sostenibbli u t-tibdil fil-klima. L-eliminazzjoni gradwali ta' sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent, inklużi s-sussidji għall-fjuwils fossili wkoll teħtieġ azzjoni addizzjonali. Minbarra li tibdel dawn l-impenji f'azzjoni fil-livell lokali, nazzjonali u tal-Unjoni, l-Unjoni se tkun involuta wkoll b'mod proattiv fl-isforzi internazzjonali sabiex jiġu żviluppati s-soluzzjonijiet meħtieġa biex jiġi żgurat żvilupp sostenibbli fil-livell globali.

97. F'Rio+20 ġie deċiż li tinbidel il-Kummissjoni tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli b'Forum Politiku ta' Livell Għoli, li se jsaħħaħ l-integrazzjoni tat-tliet dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli u jsegwi u jirrivedi l-progress fuq l-implimentazzjoni tal-eżiti ta' Rio+20 u eżiti rilevanti ta' summits u konferenzi oħra tan-NU, u b'hekk jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-objettivi ta' żvilupp sostenibbli bħala parti mill-qafas ġenerali ta' wara l-2015.

98. Ħafna mill-għanijiet prijoritarji stabbiliti fis-Seba' EAP jistgħu jinkisbu bis-sħiħ biss bħala parti minn approċċ globali u b'kooperazzjoni ma' pajjiżi sħab, u ma' pajjiżi u territorji *extra*-Ewropej. Huwa għalhekk li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom ikunu involuti fil-proċessi internazzjonali, reġjonali u bilaterali b'mod qawwi, iffukat, magħqud u koerenti. Għandha tingħata enfasi partikolari lir-reġjuni tal-Baħar l-Iswed u tal-Artiku, fejn hemm bżonn ta' kooperazzjoni intensifikata u involviment akbar tal-Unjoni, inkluż permezz tas-sħubija fil-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Baħar l-Iswed kontra t-Tniġġiż u bil-ksib ta' status ta' osservatur permanenti fil-Kunsill tal-Artiku, sabiex jiġu indirizzati sfidi ambjentali ġodda u kondiviżi. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom ikomplu jippromwovu qafas effettiv ibbażat fuq ir-regoli għal politika ambjentali globali, ikkomplementat b'approċċ iktar effettiv, strateġiku li fih id-djalogi u l-kooperazzjoni bilaterali u reġjonali jkunu mfassla apposta għas-sħab strateġiċi tal-Unjoni, il-pajjiżi kandidati u tal-viċinat, u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, rispettivament, b'appoġġ minn finanzjament adegwat.

99. Iż-żmien kopert mis-Seba' EAP jikkorrispondi għall-fażijiet ewlenin fil-politika internazzjonali dwar il-klima, il-bijodiversità u s-sustanzi kimiċi. Biex nibqgħu fil-limitu ta' 2 °C, l-emissjonijiet globali tal-GHG iridu jonqsu tal-anqas b'50 % tal-livelli tal-1990 sal-2050. Madankollu, il-wegħdiet li għamlu l-pajjiżi s'issa biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-GHG se jirriżultaw f'mhux aktar minn terz ta' tnaqqis meħtieġ sal-2020 ([2]). Mingħajr azzjoni globali aktar riżoluta, it-tibdil fil-klima x'aktarx mhux se jiġi limitat. Saħansitra fl-aħjar xenarju, il-pajjiżi se jaffrontaw dejjem

([1]) Human Development Report (Rapport dwar l-Iżvilupp Uman) (UNDP, 2011).
([2]) L-Emissions Gap Report 2012 (ir-Rapport dwar id-Diskrepanza fl-Emissjonijiet 2012), tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP), jispjega li l-wegħdiet mhux kondizzjonati jammontaw għal tnaqqis ta' madwar 4 $GtCO_2e$, imqabbel ma' stima mezzana ta' 14 $GtCO_2e$ ta' tnaqqis neċessarju biex nibqgħu taħt il-limitu ta' 2 °C.

aktar impatti inevitabbli mill-bidliet fil-klima minħabba l-emissjonijiet storiċi tal-GHG u se jeħtieġu l-iżvilupp ta' strateġiji ta' adattament għall-klima. Skont il-Pjattaforma ta' Durban għal Azzjoni Msaħħa, ftehim komprensiv u b'saħħtu applikabbli għal kulħadd għandu jiġi miftiehem sal-2015 u implimentat mis-sena 2020. L-Unjoni se tibqa' involuta b'mod proattiv f'dan il-proċess, inkluż f'diskussjonijiet dwar kif titnaqqas id-diskrepanza bejn l-impenji attwali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-pajjiżi żviluppati u dawk li qed jiżviluppaw, u dwar l-azzjoni meħtieġa biex nibqgħu fuq perkors għall-emissjonijiet li jkun kompatibbli mal-għan ta' 2 °C, ibbażata fuq l-aħħar konklużjonijiet mill-IPCC. L-implimentazzjoni tal-eżitu ta' Rio+20 għandha tiżgura wkoll koerenza u komplementarjetà ma' dan il-proċess sabiex huma jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. Is-segwitu għal Rio+20 għandu jgħin ukoll biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' GHG, biex b'hekk tkun appoġġata l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. B'mod parallel, l-Unjoni għandha ssegwi u tintensifika aktar is-sħubijiet dwar it-tibdil fil-klima ma' sħab strateġiċi u għandha tieħu azzjoni ulterjuri biex tintegra l-konsiderazzjonijiet ambjentali u dawk relatati mal-klima fil-politiki ta' kummerċ u ta' żvilupp tagħha, filwaqt li tqis l-impenji u l-benefiċċji reċiproċi.

100. Il-miri għall-bijodiversità globali [1] stipulat fil-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (CBD) għandhom jintlaħqu sal-2020 abbażi tal-waqfien u fl-aħħar tal-inverżjoni tat-telf tal-bijodiversità madwar id-dinja. L-Unjoni se tikkontribwixxi s-sehem ġust tagħha għal dawn l-isforzi, inkluż fir-rigward ta-irduppjar tal-flussi ta' riżorsi internazzjonali relatati mal-bijodiversità għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw sal-2015 u tal-anqas iżżomm dan il-livell sal-2020, kif stabbilit fost il-miri preliminari miftehmin fil-kuntest tal-istrateġija ta' mobilizzazzjoni tar-riżorsi tas-CBD [2]. Huwa importanti wkoll li l-Unjoni jkollha rwol attiv fil-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi (IPBES) ladarba ssir membru sħiħ, sabiex torbot flimkien il-livelli lokali, reġjonali u internazzjonali tal-governanza tal-bijodiversità. L-Unjoni se tkompli tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD), b'mod partikolari billi tirsisti biex tinkiseb dinja li fiha d-degradazzjoni tal-art ma tibqax problema, kif maqbul f'Rio+20. Se żżid ukoll l-isforzi tagħha biex tilħaq il-mira għall-2020 għall-ġestjoni tajba ta' sustanzi kimiċi tul iċ-ċiklu sħiħ ta' ħajjithom u tal-iskart perikoluż, kif imsaħħa f'Rio+20, u biex tappoġġa l-konvenzjonijiet relatati. L-Unjoni se tkompli jkollha rwol attiv u kostruttiv biex tgħin biex jinkisbu l-għanijiet ta' tali proċessi.

101. L-Unjoni diġà għandha prestazzjoni tajba fir-rigward ta' sħubija fi ftehimiet ambjentali multilaterali (Multilateral Environmental Agreements — MEAs), għalkemm għadd ta' Stati Membri għadhom ma rratifikawx ftehimiet ewlenin. Dan jipperikola l-kredibbiltà tal-Unjoni f'negozjati relatati. L-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jiżguraw ir-ratifika u l-approvazzjoni, rispettivament, f'waqthom, tal-MEAs kollha li huma firmatarji għalihom.

102. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jinvolvu ruħhom b'mod proattiv f'negozjati internazzjonali dwar kwistjonijiet ġodda u emerġenti, b'mod partikolari dwar Konvenzjonijiet, ftehimiet u valutazzjonijiet ġodda, u għaldaqstant, isostnu mill-ġdid id-determinazzjoni tagħhom li jkomplu l-isforzi tagħhom għat-tnedija, mill-aktar fis possibbli, tan-negozjati fil-qafas ta' Assemblea Ġenerali tan-NU għal ftehim ta' implimentazzjoni tal-UNCLOS (Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar) dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar f'Żoni Lil Hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali u jappoġġaw it-tlestija tal-Ewwel "Valutazzjoni tal-Oċeani tad-Dinja".

103. L-Unjoni għandha tisfrutta wkoll il-pożizzjoni tagħha bħala wieħed mill-ikbar swieq tad-dinja biex tippromwovi politiki u approċċi li jnaqqsu l-pressjoni fuq il-bażi ta' riżorsi naturali globali. Dan jista' jsir billi jinbidlu x-xejriet tal-konsum u tal-produzzjoni, inkluż billi jittieħdu l-passi meħtieġa għall-promozzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi fil-livell internazzjonali u għall-implimentazzjoni tal-Qafas għal 10 Snin ta' Programmi dwar il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli, kif ukoll billi jiġi żgurat li l-politiki dwar il-kummerċ u s-suq intern jappoġġaw il-kisba tal-għanijiet ambjentali u dawk għall-klima u jipprovdu inċentivi lil pajjiżi oħra biex itejbu u jinfurzaw l-oqfsa regolatorji u l-istandards ambjentali tagħhom, bil-għan li jiġi evitat id-dumping ambjentali. L-Unjoni se tkompli tippromwovi żvilupp sostenibbli permezz tan-negozjar u l-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali tagħha u l-ftehimiet ta' sħubija volontarji bilaterali dwar l-infurzar tar-Regolamenti tal-Forestrija, il-Governanza u l-Kummerċ, li jiżguraw li l-injam li jidħol fis-suq tal-Unjoni minn pajjiżi sħab ikun dak biss li huwa maqtugħ legalment. F'dan il-kuntest, ir-Regolament dwar l-Injam tal-Unjoni Ewropea [3] jservi bħala bażi ġuridika għall-Unjoni biex tindirizza l-problema globali tal-qtugħ illegali ta' siġar permezz tad-domanda tagħha għall-injam u prodotti tal-injam. Se jiġu esplorati wkoll alternattivi politiki oħra biex jitnaqqsu l-impatti tal-konsum tal-Unjoni fuq l-ambjent globali, inklużi d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti.

104. L-Unjoni għandha wkoll tintensifika aktar il-kontribuzzjoni tagħha għal inizjattivi li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija inklużiva u ekoloġika fil-livell internazzjonali, bħall-promozzjoni ta' kundizzjonijiet ta' abilitazzjoni xierqa, l-iżvilupp ta' strumenti u indikaturi bbażati fuq is-suq lil hinn mill-PDG, li huma konsistenti mal-politiki interni tagħha.

[1] Pjan Strateġiku tas-CBD għall-Bijodiversità 2011-2020.
[2] Deċiżjoni CBD XI/4.
[3] Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23).

105. L-Unjoni għandha tkompli tippromwovi prattiki kummerċjali ambjentalment responsabbli. Obbligi ġodda skont l-Inizjattiva tan-Negozju Responsabbli tal-Unjoni ([1]) għal kumpaniji elenkati fil-Borża u għal kumpaniji kbar mhux elenkati fil-Borża li huma estrattivi fil-qasam ta' qtugħ tas-siġar minn foresti primarji biex jirrapportaw pagamenti minn għandhom lill-gvernijiet se jwassal għal trasparenza u responsabbiltà akbar fil-mod kif inhuma sfruttati r-riżorsi naturali. Bħala fornitur ewlieni ta' prodotti u servizzi ambjentali, l-Unjoni għandha tippromwovi standards ekoloġiċi globali, kummerċ ħieles fil-prodotti u s-servizzi ambjentali, l-adozzjoni ta' aktar teknoloġiji favur l-ambjent u l-klima, il-protezzjoni tal-investiment u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-iskambju internazzjonali tal-aħjar prattika.

106. Sabiex tiżdied l-effettività tal-Unjoni fl-indirizzar tal-isfidi ambjentali internazzjonali u relatati mal-klima, is-Seba' EAP għandu jiżgura li sal-2020:

(a) l-eżiti ta' Rio+20 ikunu integrati bis-sħiħ fil-politiki interni u esterni tal-Unjoni u l-Unjoni tikkontribwixxi b'mod effettiv għall-isforzi globali biex jiġu implimentati l-impenji miftiehma, inklużi dawk skont il-konvenzjonijiet ta' Rio u għall-inizjattivi mmirati favur il-promozzjoni tat-tranżizzjoni globali lejn ekonomija inklużiva u ekoloġika fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli u l-qerda tal-faqar;

(b) l-Unjoni tipprovdi appoġġ effettiv għall-isforzi nazzjonali, reġjonali u internazzjonali biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali u relatati mal-klima u biex jiġi żgurat żvilupp sostenibbli.

(c) l-impatt tal-konsum fl-Unjoni fuq l-ambjent lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni jitnaqqas.

Dan jesiġi, b'mod partikolari:

(i) Ħidma bħala parti minn approċċ koerenti u komprensiv għal wara l-2015 għall-isfidi universali tal-qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli, u permezz ta' proċess inklużiv u ta' kollaborazzjoni, favur l-adozzjoni tal-miri ta' żvilupp sostenibbli li:

— huma koerenti mal-objettivi u l-miri eżistenti maqbulin f'livell internazzjonali, fost l-oħrajn dwar il-bijodiversità, it-tibdil fil-klima, l-inklużjoni soċjali u l-bażijiet ta' protezzjoni soċjali,

— jindirizzaw, fil-livelli nazzjonali u internazzjonali, l-oqsma ta' prijorità bħall-enerġija, l-ilma, is-sigurtà tal-ikel, l-oċeani u l-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, ix-xogħol diċenti, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt,

— huma universalment applikabbli, billi jkopru t-tliet dimensjonijiet ta' żvilupp sostenibbli,

— huma vvalutati u akkumpanjati minn miri u indikaturi, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkustanzi nazzjonali, il-kapaċitajiet u l-livell ta' żvilupp differenti, u

— huma konsistenti ma', u jappoġġaw, impenji internazzjonali oħra, bħal dawk dwar li jikkonċernaw it-tibdil fil-klima u l-bijodiversità;

(ii) ħidma favur struttura aktar effettiva tan-NU għall-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari d-dimensjoni ambjentali tagħha permezz ta':

— it-tisħiħ ulterjuri tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP) skont l-eżitu ta' Rio+20, li jibni fuq id-deċiżjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU biex id-denominazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-UNEP tinbidel għall-Assemblea Ambjentali tal-UNEP ([2]), filwaqt li jissokta l-isforz favur aġġornament tal-istatus tal-UNEP għal dak ta' Aġenzija speċjalizzata,

— appoġġ għall-isforzi biex jissaħħu s-sinerġiji bejn ftehimiet ambjentali multilaterali, b'mod partikolari fir-raggruppamenti tas-sustanzi kimiċi u tal-iskart u fir-raggruppamenti tal-bijodiversità, u

— kontribut biex tiġi żgurata vuċi b'saħħitha u awtorevoli għall-ambjent fil-ħidma tal-Forum Politiku ta' Livell Għoli;

(iii) it-tisħiħ tal-impatt ta' diversi sorsi ta' finanzjament, inklużi t-tassazzjoni u l-mobilizzazzjoni domestika tar-riżorsi, l-investiment privat, sħubijiet ġodda u sorsi ta' finanzjament innovattivi, u l-ħolqien ta' alternattivi għall-użu tal-għajnuna għall-iżvilupp għall-ingranaġġ ta' dawn is-sorsi oħra ta' finanzjament bħala parti mill-istrateġija ta' finanzjament, kif ukoll fil-politiki tal-Unjoni stess, inklużi l-impenji internazzjonali dwar il-finanzjament relatat mal-klima u l-bijodiversità;

([1]) Proposti għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Trasparenza COM(2011) 683, 2011/0307(COD) u tad-Direttivi dwar il-Kontabbiltà COM(2011) 684, 2011/0308(COD).
([2]) Deċiżjoni meħuda mill-Assemblea Ġenerali tan-NU, A/67/784 tas-7 ta' Marzu 2013, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-UNEP.

(iv) l-involviment tal-pajjiżi sħab b'mod aktar strateġiku, per eżempju permezz ta' ffukar tal-kooperazzjoni ma':

— sħab strateġiċi dwar il-promozzjoni tal-aħjar prattiki fil-politika u l-leġiżlazzjoni ambjentali domestika u l-konverġenza f'negozjati ambjentali multilaterali,

— pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat fuq l-approssimazzjoni gradwali mal-politika u l-leġiżlazzjoni ewlenin tal-Unjoni dwar l-ambjent u l-klima u fuq it-tisħiħ tal-kooperazzjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali u relatati mal-klima reġjonali,

— pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jappoġġaw l-isforzi tagħhom biex jipproteġu l-ambjent, jiġġieldu t-tibdil fil-klima u jnaqqsu d-diżastri naturali, u jiġu implimentati impenji ambjentali internazzjonali bħala kontribut għat-tnaqqis tal-faqar u għall-iżvilupp sostenibbli;

(v) l-involviment fi proċessi ambjentali multilaterali u oħrajn rilevanti eżistenti u ġodda, b'mod aktar konsistenti, proattiv u effettiv, inkluż permezz ta' kuntatt f'waqtu ma' pajjiżi terzi u partijiet interessati oħra, bil-għan li jiġi żgurat li l-impenji għall-2020 jintlaħqu fil-livell tal-Unjoni u jiġu promossi fil-livell globali, u biex ikun hemm ftehim dwar azzjoni internazzjonali li għandha tittieħed wara l-2020, u jiġu ratifikati u mogħtija spinta l-isforzi biex jiġu implimentati l-ftehimiet ambjentali multilaterali ewlenin kollha ħafna qabel l-2020. L-Implimentazzjoni tal-Qafas għal 10 Snin ta' Programmi dwar il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli;

(vi) l-istima tal-impatt ambjentali, f'kuntest globali, tal-konsum tal-Unjoni ta' komoditajiet alimentari u dawk mhux alimentari u, jekk ikun xieraq, l-iżvilupp ta' proposti ta' politika biex jiġu indirizzati l-konklużjonijiet ta' tali stimi, u l-kunsiderazzjoni tal-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni tal-Unjoni dwar id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti;

(vii) il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' skemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet madwar id-dinja u l-faċilitar tal-kollegamenti ta' tali sistemi;

(viii) l-iżgurar li l-progress ekonomiku u soċjali jinkiseb fil-limiti tal-kapaċità tad-Dinja, billi jiżdied il-fehim tal-limiti tal-pjanetà, fost l-oħrajn fl-iżvilupp tal-qafas għal wara l-2015 sabiex jiġu żgurati l-benesseri u l-ġid tal-bnedmin fit-tul.